# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1287

**tat-13 ta' Mejju 2024**

**li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1930 fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula li joriġinaw mir-Russja għall-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula kkonsenjati mit-Turkija u mill-Każakistan, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Turkija u mill-Każakistan kif ukoll jekk le**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

Billi:

## 1. PROĊEDURA

### 1.1. Miżuri eżistenti

(1) F'Novembru 2021, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1930 ([2]), il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") imponiet dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula li joriġinaw mir-Russja ("ir-Regolament oriġinali"). Il-miżuri ħadu l-forma ta' dazju *ad valorem* li jvarja bejn 14.4 % u 15.8 %, b'dazju residwu ta' 15.8 % għall-kumpaniji Russi li ma kkooperawx. L-investigazzjoni li wasslet għal dawn id-dazji ("l-investigazzjoni oriġinali") inbdiet f'Ottubru 2020 ([3]).

### 1.2. Talba

(2) Il-Kummissjoni rċeviet talba skont l-Artikoli 13 (3) u 14 (5) tar-Regolament bażiku biex tinvestiga ċ-ċirkomvenzjoni possibbli tal-miżuri anti-dumping imposti fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula li joriġinaw mir-Russja mill-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula kkonsenjati mit-Turkija u mill-Każakistan, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Turkija u mill-Każakistan kif ukoll jekk le u biex tagħmel tali importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni ("Talba").

(3) Din it-talba ġiet ippreżentata fl-10 ta' Lulju 2023 mill-Konsorzju Woodstock (l-"applikant").

(4) It-talba kien fiha biżżejjed evidenza ta' bidla fix-xejra tal-kummerċ li jinvolvi esportazzjonijiet mir-Russja, mit-Turkija u mill-Każakistan lejn l-Unjoni li seħħet wara l-impożizzjoni ta' miżuri fuq il-plywood tal-betula mir-Russja. Din il-bidla dehret li ġejja mill-kunsinna tal-plywood tal-betula li tgħaddi mit-Turkija u mill-Każakistan lejn l-Unjoni, prattika li għaliha ma kienx hemm raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju.

(5) Barra minn hekk, it-talba kien fiha biżżejjed evidenza li l-prattika deskritta hawn fuq kienet qed timmina l-effetti ta' rimedju tal-miżuri anti-dumping eżistenti f'termini ta' kwantitajiet u prezzijiet. Volumi sinifikanti ta' importazzjonijiet tal-plywood tal-betula daħlu fis-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, kien hemm biżżejjed evidenza li l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula saru bi prezzijiet dannużi. Fl-aħħar nett, kien hemm biżżejjed evidenza li l-prezzijiet tal-plywood tal-betula kkonsenjat mit-Turkija u mill-Każakistan kienu oġġett ta' dumping fir-rigward tal-valur normali stabbilit għall-plywood tal-betula.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1930 tat-8 ta' Novembru 2021 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula li joriġinaw mir-Russja (ĠU L 394, 9.11.2021, p. 7).

([3]) Notifika ta' bidu ta' proċediment anti-dumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet ta' aċidu xaħmi li joriġina mir-Russja (ĠU C 342, 14.10.2020, p. 2).

1.3. **Prodott ikkonċernat u prodott investigat**

(6) Il-prodott ikkonċernat mill-evażjoni possibbli huwa plywood magħmul biss minn folji tal-injam, b'kull folja ma taqbiżx il-ħxuna ta' 6 mm, b'saffi ta' barra tal-injam speċifikati taħt is-subintestatura 4412 33, b'mill-inqas saff wieħed ta' barra tal-injam tal-betula, kemm jekk miksi kif ukoll jekk le, ikklassifikat fid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament oriġinali taħt il-kodiċi NM ex 4412 33 00 (kodiċi TARIC 4412330010) u li joriġina mir-Russja ("il-prodott ikkonċernat"). Dan huwa l-prodott li għalih bħalissa japplikaw il-miżuri.

(7) Il-prodott investigat huwa l-istess bħal dak definit fil-premessa preċedenti, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM 4412 33 10 ([4]) iżda kkonsenjat mit-Turkija u mill-Każakistan, irrispettivament jekk ikunx iddikjarat li joriġina mit-Turkija u l-Każakistan (il-kodiċijiet TARIC 4412331010 u 4412331020) ("il-prodott investigat").

(8) L-investigazzjoni wriet li l-plywood tal-betula esportat mir-Russja u l-plywood tal-betula kkonsenjat mill-Każakistan u mit-Turkija, kemm jekk joriġinaw mill-Każakistan u mit-Turkija, għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u għandhom l-istess użi, u għalhekk jitqiesu bħala prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

1.4. **Bidu**

(9) Wara li ddeterminat, wara li infurmat lill-Istati Membri, li kienet teżisti biżżejjed evidenza għall-bidu ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni bdiet, fil-21 ta' Awwissu 2023, l-investigazzjoni permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1649 ([5]) ("ir-Regolament tal-bidu") u għamlet l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula kkonsenjati mill-Każakistan u mit-Turkija, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Każakistan u mit-Turkija kif ukoll jekk le, soġġetti għar-reġistrazzjoni.

1.5. **Kummenti dwar il-bidu**

(10) Wara l-bidu, l-awtoritajiet tal-Każakistan ipprovdew lista ta' kumpaniji li jipproduċu l-plywood tal-betula u talbu li dawn il-kumpaniji jiġu eżentati mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri, peress li esportaw plywood tal-betula prodott fil-Każakistan. Huma sostnew li ċ-ċertifikati tal-oriġini fil-Każakistan kienu konformi mal-istandards internazzjonali u kif ukoll mar-rekwiżiti u r-regoli kollha tal-UE dwar l-oriġini tal-prodotti, u li dan kien ikkontrollat mill-Ministeru tal-Kummerċ u l-Integrazzjoni. Għalhekk, huma talbu lill-Kummissjoni biex ma testendix id-dazji anti-dumping għall-Każakistan, peress li l-kumpaniji ma setgħux ikunu involuti fl-evażjoni tal-miżuri.

(11) Il-Kummissjoni fakkret li t-talbiet għal eżenzjoni (ivvalutati fit-Taqsima 4) ġew ikkunsidrati fid-dawl tal-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku u li għalhekk iċ-ċertifikati tal-oriġini ma kinux l-uniċi kriterji għall-valutazzjoni.

(12) Wara d-divulgazzjoni, kemm Favorit kif ukoll Severnyi Fanernyi Kombinat LLP ("SFK") qiesu li l-bidu tal-investigazzjoni kien kuntrarju għall-Artikolu 5.2 tal-Ftehim Antidumping tad-WTO ("il-Ftehim AD") minħabba li l-ilment ma kienx jinkludi evidenza dwar id-dumping, dwar id-dannu, u dwar ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu allegat, u li l-Kummissjoni kienet naqset mid-dmir tagħha li teżamina l-preċiżjoni u l-adegwatezza tal-evidenza pprovduta fl-applikazzjoni biex tiddetermina jekk hemmx biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni.

([4]) Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-kodiċi TARIC applikabbli kien ta' 4412330010. Mill-1 ta' Jannar 2022, ġie sostitwit bil-kodiċi TARIC 4412331010. Mill-01 ta' Settembru 2022, ġie sostitwit bil-kodiċi NM 4412 33 10.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1649 tal-21 ta' Awwissu 2023 li jibda investigazzjoni dwar ċirkomvenzjoni possibbli tal-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1930 fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula li joriġinaw mir-Russja, minn importazzjonijiet tal-plywood tal-betula kkonsenjati mit-Turkija u mill-Każakistan, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Turkija u mill-Każakistan kif ukoll jekk le, u li jagħmel l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula kkonsenjati mit-Turkija u mill-Każakistan soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L 207, 22.8.2023, p. 77).

(13) Il-Kummissjoni ma qablitx. Mill-bidu nett, il-Kummissjoni tinnota li l-Ftehim AD ma jinkludi l-ebda dispożizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni. Barra minn hekk, kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja f'*Kolachi Raj*, peress li l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku ma jimplimentax id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim AD, il-formulazzjoni tal-Artikolu 13 ma tistax tiġi interpretata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tar-regolament bażiku li jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' dak il-Ftehim. ([6]) L-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku jistipula li investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tista' tinbeda fuq il-bażi ta' evidenza suffiċjenti rigward il-fatturi stabbiliti fl-Artikolu 13(1). Il-Kummissjoni qieset li t-talba kien fiha biżżejjed evidenza tal-fatturi stabbiliti fl-Artikolu 13(1). B'mod partikolari, it-talba kien fiha biżżejjed evidenza ta' bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn ir-Russja, il-Każakistan u t-Turkija, li kienet ġejja minn prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma kienx hemm raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju. Barra minn hekk, it-talba kien fiha biżżejjed evidenza ta' dumping fir-rigward tal-valuri normali stabbiliti qabel għall-prodott simili. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni nnotat li l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku ma jipprevedix analiżi tad-dannu jew tar-rabta kawżali. Id-dispożizzjoni tirrikjedi b'mod aktar wiesa' li tintwera evidenza ta' dannu jew li l-effetti rimedjali tad-dazju qed jiġu mminati f'termini tal-prezzijiet u/jew tal-kwantitajiet tal-prodott simili. F'dan ir-rigward, it-talba kien fiha biżżejjed evidenza. Il-fatt li l-importazzjonijiet ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni u li kien hemm rabta kawżali bejn dawn l-importazzjonijiet u d-dannu kien diġà stabbilit fir-Regolament oriġinali. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-talba kien fiha biżżejjed evidenza u, għalhekk, sabet li l-bidu tal-investigazzjoni kien iġġustifikat.

### 1.6. **Perjodu ta' investigazzjoni u perjodu ta' rappurtar**

(14) Il-perjodu ta' investigazzjoni kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sat-30 ta' Ġunju 2023 ('il-perjodu ta' investigazzjoni' jew 'PI'). Inġabret data biex il-perjodu ta' investigazzjoni jinvestiga, fost l-oħrajn, l-allegata bidla fix-xejra tal-kummerċ wara l-impożizzjoni ta' miżuri fuq il-prodott ikkonċernat, u l-eżistenza ta' prattika, proċess jew ħidma li għaliha ma kienx hemm raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju. Inġabret data aktar dettaljata għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023 ("il-perjodu ta' rapportar") sabiex jiġi eżaminat jekk l-importazzjonijiet kinux qed jimminaw l-effett rimedjali tal-miżuri fis-seħħ f'termini ta' prezzijiet u/jew il-kwantitajiet u l-eżistenza ta' dumping.

### 1.7. **Investigazzjoni**

(15) Il-Kummissjoni infurmat uffiċjalment lill-awtoritajiet tar-Russja, tal-Każakistan u tat-Turkija, lill-produtturi esportaturi magħrufa f'dawk il-pajjiżi, lill-industrija tal-Unjoni u lill-President tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Turkija dwar il-bidu tal-investigazzjoni.

(16) Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Każakistan għall-Unjoni Ewropea u lid-Delegazzjoni Permanenti tat-Turkija għall-Unjoni Ewropea biex jipprovdulha l-ismijiet u l-indirizzi tal-produtturi esportaturi u/jew tal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni minbarra l-produtturi esportaturi Torok u Każakistani, li kienu ġew identifikati fit-talba mill-applikant. L-awtoritajiet tal-Każakistan ipprovdew lista ta' produtturi tal-plywood tal-betula, li l-Kummissjoni kkuntattjat.

(17) Il-formoli ta' talbiet għal eżenzjoni għall-produtturi/esportaturi fil-Każakistan u fit-Turkija u l-kwestjonarji għall-importaturi fl-Unjoni kienu disponibbli fuq is-sit web tad-DĠ KUMMERĊ.

(18) Il-ħames kumpaniji fil-Każakistan li ġejjin ippreżentaw formoli ta' talba għal eżenzjoni:

— Favorit LLP

— QazFanCom LLP

— Semipalatinsk Wood Processing LLP

([6]) Ara s-Sentenza tat-12 ta' Settembru 2019, Il-Kummissjoni vs Kolachi Raj Industrial, C-709/17 P, EU:C:2019:717, para. 45.

— Severnyi Fanernyi Kombinat LLP (“SFK”)

— VFP LLP

(19) L-erba’ kumpaniji li ġejjin fit-Turkija ppreżentaw formoli ta’ talba għal eżenzjoni:

— Intur Construction Tourism and Forest

— Murat Şahin Orman Ürünleri

— Petek Kontrplak San ve Tic A.Ş.

— Saglamlar Orman Tarim Urunleri San. Ve. Tic. AS

(20) Barra minn hekk, l-importaturi mhux relatati li ġejjin issottomettew tweġiba għall-kwestjonarju:

— Aschiero Wood Import SPA

— FOREST TRAFIC

— CASTELLANA LEGNAMI SNC

— IMOLALEGNO spa

— Orlimex CZ s.r.o.

(21) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta ta’ smigħ fil-limitu ta’ żmien stabbilit fir-Regolament tal-bidu. Il-partijiet kollha ġew informati li n-nuqqas ta’ preżentazzjoni tal-informazzjoni rilevanti kollha jew il-preżentazzjoni ta’ informazzjoni mhux kompluta, falza jew qarrieqa tista’ twassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u għal sejbiet li jkunu bbażati fuq il-fatti disponibbli. Fuq it-talba tal-kumpaniji, saru seduti ta’ smigħ ma’ Favorit u SFK fit-8 ta’ Frar 2024 mas-servizzi tal-Kummissjoni u sussegwentement fl-14 ta’ Frar 2024 mal-Uffiċjal tas-Seduta. L-uffiċjal tas-Seduta kkonkluda li l-kwistjonijiet imqajma miż-żewġ kumpaniji ma kinux jikkonċernaw id-drittijiet proċedurali kif definiti mit-termini ta’ referenza tal-Uffiċjal tas-Seduta għall-proċedimenti kummerċjali iżda kienu jikkonċernaw il-kwistjonijiet sostantivi tal-każ, u ma nħarġet l-ebda rakkomandazzjoni speċifika.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-INVESTIGAZZJONI

### 2.1. Livell ta’ kooperazzjoni

(22) Kif iddikjarat fil-premessi (18) sa (19) ħames kumpaniji stabbiliti fil-Każakistan u erba’ kumpaniji stabbiliti fit-Turkija pprovdew formoli ta’ talba għal eżenzjoni, u talbu li jiġu eżentati mid-dazji, jekk il-miżuri kellhom jiġu estiżi għall-Każakistan u għat-Turkija.

(23) Madankollu, żewġ kumpaniji fil-Każakistan (QazFanCom u VFP LPP), u tliet kumpaniji fit-Turkija (Murat Şahin Orman Ürünleri, Petek Kontrplak San ve Tic A.Ş. and Saglamlar Orman Tarim Urunleri San. Ve. Tic. AS) ipprovdew formoli ta’ talba għal eżenzjoni defiċjenti ħafna. Għalhekk, permezz ta’ ittra tat-13 ta’ Ottubru 2023 lil VFP LLP u t-tliet kumpaniji Torok, u permezz ta’ ittra tas-17 ta’ Novembru 2023 lil QazFanCom, il-Kummissjoni infurmat lil dawn il-kumpaniji li kellha l-ħsieb li tapplika l-fatti disponibbli f’konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku, minħabba li dawn il-kumpaniji ma kinux ipprovdew, fil-limiti ta’ żmien previsti, l-informazzjoni meħtieġa biex il-Kummissjoni tiddetermina jekk kinux involuti jew le fil-prattiki ta’ ċirkomvenzjoni (“ittra tal-Artikolu 18”). Il-kumpaniji ngħataw l-opportunità li jikkummentaw. Il-kumpanija QazFanCom issottomettiet kummenti. L-ebda kumpanija oħra ma pprovdiet kummenti.

(24) Bi tweġiba għall-ittra tal-Artikolu 18, QazFanCom sostniet li, għall-kuntrarju ta’ dak li ssemma fl-ittra tal-Artikolu 18, hija kkooperat mal-investigazzjoni peress li l-informazzjoni li kienet issottomettiet kienet tinvolvi ammont kbir ta’ xogħol. Hija qieset ukoll li l-għoti tal-informazzjoni u t-traduzzjoni tagħha għall-Ingliż jieħdu ħafna ħin u li l-estensjoni tal-iskadenzi biex tingħata tweġiba kienet qasira wisq, peress li l-proċedura damet disa’ xhur. Il-kumpanija qieset ukoll li r-Regolament bażiku ma pprovdiex l-iskadenza massima għall-estensjoni tal-iskadenzi.

(25) QazFanCom sostniet ukoll li, fl-opinjoni tagħha, l-informazzjoni kollha li l-Kummissjoni talbet li tiġi pprovduta kienet sensittiva u, għalhekk, ma setgħetx tiġi pprovduta. Fl-istess ħin, hija allegat li l-Kummissjoni żvelat informazzjoni kunfidenzjali u kisret l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku peress li s-sħab kummerċjali tagħha kienu jafu dwar il-fatt li t-talba għal eżenzjoni ppreżentata minn QazFanCom kienet se tiġi miċħuda, diġà qabel ma QazFanCom irċeviet l-ittra tal-Artikolu 18 mingħand il-Kummissjoni.

(26) Il-Kummissjoni fakkret li l-iskadenza ta' 37 jum biex tiġi pprovduta l-formola ta' talba għal eżenzjoni kien stabbilit fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-bidu u kien konformi ma' skadenza ġenerali ta' mill-inqas 30 jum imsemmi fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament bażiku. Jistgħu jingħataw estensjonijiet, filwaqt li jitqiesu l-limiti ta' żmien tal-investigazzjoni, sakemm il-parti turi raġuni valida għal tali estensjoni skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħha. F'dan il-każ, il-Kummissjoni tat estensjoni ta' sebat ijiem li kien il-massimu li setgħet tagħti fid-dawl tat-termini ta' żmien tal-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni li seta' jingħata aktar żmien biex tiġi pprovduta l-formola ta' talba għal eżenzjoni f'dan il-każ.

(27) Il-Kummissjoni qieset ukoll li struzzjonijiet dettaljati dwar kif għandha tiġi pprovduta l-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-formola ta' talba għal eżenzjoni ġew ipprovduti lil QazFanCom flimkien mal-formola ta' talba għal eżenzjoni. L-informazzjoni li ntbagħtet iddeskriviet fid-dettall kif tista' tiġi ppreżentata d-*data* biex jiġi żgurat li l-kunfidenzjalità tiġi rispettata iżda wkoll biex jiġu ppreservati d-drittijiet tad-difiża ta' partijiet interessati oħra. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni li ma setgħet tiġi pprovduta l-ebda informazzjoni minħabba n-natura kunfidenzjali tagħha.

(28) Barra minn hekk, rigward l-affermazzjoni dwar l-allegat ksur tal-kunfidenzjalità, QazFanCom ma ssostanzjatx l-affermazzjoni, ma indikat l-ebda informazzjoni ppubblikata fil-fajl miftuħ li jkun fiha informazzjoni dwar l-istatus tat-talba għal eżenzjoni ta' QazFanCom qabel l-ittra tal-Artikolu 18 u, għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni.

(29) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni b'hekk ikkonkludiet li żewġ kumpaniji fil-Każakistan (QazFanCom u VFP LPP), u tliet kumpaniji fit-Turkija (Murat Seyahin Orman Ürünleri, Petek KONTRPLAK San ve Tic A.and Saglamlar Orman Tarim Urunleri San. Ve. Tic. AS) naqsu milli jikkooperaw skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u konsegwentement ma wrewx li mhumiex involuti f'attivitajiet ta' ċirkomvenzjoni. Għalhekk, it-talbiet tagħhom għal eżenzjoni ġew miċħuda.

(30) Wara d-divulgazzjoni, Qazfancom argumentat li l-Kummissjoni kienet ħadet approċċ mhux akkomodanti u mhux kostruttiv rigward il-kooperazzjoni ta' Qazfancom u, għal raġunijiet strettament proċedurali, irrifjutat li tikkunsidra d-dokumenti ppreżentati. Qazfancom talbet lill-Kummissjoni tikkunsidra d-dokumenti sottomessi f'Diċembru 2023 peress li, skont Qazfancom, il-Kummissjoni kellha biżżejjed żmien biex tagħmel dan, peress li l-iskadenza għat-teħid ta' deċiżjoni finali kienet biss Mejju 2024. Barra minn hekk, Qazfancom talbet għal seduta ta' smigħ mas-servizzi tal-Kummissjoni kif ukoll seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta. It-talba għal seduta ta' smigħ mas-servizzi tal-Kummissjoni, għalkemm mitluba wara l-iskadenza li ngħatat fid-dokument ta' divulgazzjoni, ġiet aċċettata. Is-seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta saret fit-2 ta' April 2024 u fit-3 ta' April 2024 li matulha l-Uffiċjal tas-Seduta kkonkluda li l-kwistjonijiet imqajma mill-parti interessata ma kinux jikkonċernaw id-drittijiet proċedurali kif definiti mit-termini ta' referenza tal-Uffiċjal tas-Seduta għall-proċedimenti kummerċjali iżda kienu jikkonċernaw kjarifiki dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 18(1), u ma ġie rrakkomandat l-ebda segwitu speċifiku.

(31) Kif spjegat fil-premessa (26) hawn fuq, il-Kummissjoni tat diversi estensjonijiet tal-iskadenza lil Qazfancom biex tissottometti l-informazzjoni kollha meħtieġa skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament ta' tnedija u l-Artikolu 6(2) tar-Regolament bażiku, kif stabbilit fid-dettall fl-ittra tal-Artikolu 18 tas-17 ta' Novembru 2024. Kwalunkwe informazzjoni pprovduta wara dawn l-iskadenzi ma setgħetx tibqa' tiġi kkunsidrata mill-Kummissjoni minħabba l-limiti ta' żmien tal-investigazzjoni u l-fatt li Qazfancom ma kinitx ippreżentat, fil-limiti ta' żmien previsti, l-informazzjoni meħtieġa biex il-Kummissjoni tiddetermina jekk il-kumpanija kinitx involuta fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni.

(32) Il-Kummissjoni organizzat seduta ta' smigħ mar-rappreżentanti ta' Qazfancom fl-20 ta' Marzu 2024 li matulha Qazfancom kompliet telabora dwar il-kummenti tagħhom wara d-divulgazzjoni. Madankollu, Qazfancom ma ressqet l-ebda dikjarazzjoni sostanzjata ġdida u prinċipalment irrepetiet li kienet ikkooperat bl-aħjar ħiliet tagħha. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjoni tagħha kif stabbilita fil-premessa (29) hawn fuq.

(33) Wara d-divulgazzjoni, Saglamlar Orman Tarim Urunleri San. Ve. Tic. AS iddikjarat li pprovdiet ħafna informazzjoni f'Ottubru 2023, u l-informazzjoni li ma pprovdietx kienet informazzjoni li l-maniġment qies bħala kunfidenzjali.

(34) Kif spjegat fil-premessa (27), il-Kummissjoni qieset li struzzjonijiet dettaljati dwar kif għandha tiġi pprovduta l-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-formola tat-talba għal eżenzjoni ġew ipprovduti lill-produtturi esportaturi magħrufa kollha tal-plywood tal-betula stabbiliti fil-Każakistan u fit-Turkija. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni li l-ebda informazzjoni ma setgħet tiġi pprovduta minħabba n-natura kunfidenzjali tagħha.

(35) Il-Kummissjoni għamlet żjajjar ta' verifika fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

— Favorit LLP (il-Każakistan)

— Semipalatinsk Wood Processing LLP (il-Każakistan)

— Severnyi Fanernyi Kombinat LLP (il-Każakistan)

— Intur Construction Tourism and Forest (it-Turkija)

(36) Il-Kummissjoni analizzat ukoll l-informazzjoni fit-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-importaturi li kkooperaw biex tagħmel kontroverifika mal-informazzjoni miġbura matul il-verifika.

(37) Wara l-verifiki fuq il-post, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibbaża s-sejbiet fir-rigward tat-talbiet għal eżenzjoni tal-kumpaniji Każakistani Favorit LLP, Semipalatinsk Wood Processing LLP, u Severnyi Fanernyi Kombinat LLP fuq l-aħjar fatti disponibbli, li dwarhom il-kumpaniji ġew infurmati rispettivament fit-22 ta' Jannar 2024, fis-26 ta' Jannar 2024, u fit-22 ta' Jannar 2024, fuq il-bażi tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Analiżi dettaljata, kif ukoll il-valutazzjoni tal-kumpanija Torka INTUR Construction Tourism and Forest jinsabu fit-Taqsima 4 hawn taħt.

(38) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq ([7]), il-Kummissjoni qieset li l-kooperazzjoni fiż-żewġ pajjiżi kienet baxxa, u li s-sejbiet għaż-żewġ pajjiżi kellhom ikunu bbażati fuq l-Istatistika.

### 2.2. **Kunsiderazzjonijiet ġenerali**

(39) F'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni trid tanalizza jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin humiex issodisfati:

— jekk kienx hemm bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn ir-Russja, il-Każakistan, it-Turkija u l-Unjoni,

— jekk din il-bidla rriżultatx minn prattika, proċess jew ħidma li għaliha ma kienx hemm raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ,

— jekk hemmx evidenza ta' dannu jew jekk l-effetti ta' rimedju tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ kinux qed jiddgħajfu f'termini tal-prezzijiet u/jew tal-kwantitajiet tal-prodott investigat, u

— jekk hemmx evidenza ta' dumping fir-rigward tal-valuri normali stabbiliti qabel għall-prodott ikkonċernat.

(40) Minbarra l-prattiki ta' ċirkomvenzjoni li jikkonsistu fit-trażbord tal-plywood mill-Każakistan u mit-Turkija, il-Kummissjoni investigat ukoll jekk il-miżuri anti-dumping ġewx evitati permezz ta' prattiki li jinvolvu operazzjonijiet ta' assemblaġġ/kompletazzjoni. Hija qieset li prattiki bħall-produzzjoni tal-plywood tal-betula minn inputs Russi (zkuk u fuljetta tal-betula) kienu jikkostitwixxu operazzjonijiet ta' assemblaġġ jew kompletazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 13(2). Għalhekk, il-Kummissjoni analizzat speċifikament il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 13(2), b'mod partikolari:

([7]) Fil-PR, INTUR Construction Tourism and Forest (l-unika kumpanija li kkooperat) esportat lejn l-Unjoni [2 000–3 000] m3 li rrappreżentaw bejn [5–10]% tal-importazzjonijiet totali mit-Turkija.

— jekk l-operazzjoni ta' assemblaġġ/kompletazzjoni bdietx jew żdiditx sostanzjalment mill-bidu tal-investigazzjoni anti-dumping, jew eżatt qabilha, u jekk il-partijiet ikkonċernati humiex mill-pajjiż soġġett għal miżuri, u

— jekk il-partijiet jikkostitwixxux 60 % jew aktar tal-valur totali tal-partijiet tal-prodott assemblat u jekk il-valur miżjud tal-partijiet miġjuba, matul l-operazzjoni ta' assemblaġġ jew ta' kompletazzjoni, kienx akbar minn 25 % tal-kostijiet tal-manifattura.

2.3. **Bidla fix-xejra tal-kummerċ**

2.3.1. *Bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn l-Unjoni, ir-Russja u t-Turkija*

(41) Tabella 1 turi l-iżvilupp tal-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula fl-Unjoni fil-PI:

*Tabella 1*

**Importazzjonijiet tal-plywood tal-betula mir-Russja, mill-Każakistan u mit-Turkija lejn l-Unjoni (m³)**

| | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | RP |
|---|---|---|---|---|---|
| **Ir-Russja** | 809 267 | 763 783 | 959 000 | 503 140 | 51 398 |
| *Indiċi (bażi = 2019)* | *100* | *94* | *119* | *62* | *6* |
| Sehem mis-suq | 44,2 % | 41,7 % | 52,4 % | 31,8 % | 4,2 % |
| **Il-Każakistan** | 0 | 0 | 0 | 29 225 | 97 068 |
| *Indiċi (bażi = 2022)* | | | | *100* | *332* |
| Sehem mis-suq | 0 | 0 | 0 | 1,8 % | 7,9 % |
| **It-Turkija** | 4 094 | 3 001 | 1 536 | 15 619 | 33 832 |
| *Indiċi (bażi = 2019)* | *100* | *73* | *38* | *381* | *826* |
| Sehem mis-suq | 0,2 % | 0,2 % | 0,1 % | 1,0 % | 2,8 % |

*Sors*: COMEXT, l-istimi tal-ilmentatur għall-bejgħ fl-UE.

(42) Tabella 1 turi li fl-2022, wara l-impożizzjoni tad-dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula mir-Russja f'Novembru 2021, l-importazzjonijiet mir-Russja lejn l-Unjoni naqsu bi kważi 40 %, meta mqabbla mal-2019, il-perjodu qabel il-bidu tal-investigazzjoni oriġinali. Fil-PR, l-importazzjonijiet komplew jonqsu b'94 % meta mqabbla mal-2019.

(43) Fl-2019, fl-2020 u fl-2021, ma kien hemm l-ebda importazzjoni lejn l-Unjoni tal-plywood tal-betula mill-Każakistan. L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni bdew biss f'April 2022, wara l-impożizzjoni tad-dazji anti-dumping fuq ir-Russja f'Novembru 2021. Fil-PR, l-importazzjonijiet żdiedu b'aktar minn tliet darbiet meta mqabbla mal-2022 u kisbu aktar minn 97 elf m³.

(44) Fl-2019, l-importazzjonijiet mit-Turkija kienu biss ta' madwar 4 000 m³. Bejn l-2019 u l-2021, il-volum tal-importazzjonijiet naqas b'aktar minn 60 %. Fl-2022, wara l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping fuq ir-Russja f'Novembru 2021, l-importazzjonijiet żdiedu kważi erba' darbiet meta mqabbla mal-2019, u, fil-PR, aktar minn tmien darbiet.

2.3.2. *Il-bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn ir-Russja u l-Każakistan*

(45) Tabella 2 turi l-iżvilupp tal-importazzjonijiet tal-plywood, zkuk u fuljetta tal-betula mir-Russja għall-Każakistan fil-PI (m³):

*Table 2*

| | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | RP |
|---|---|---|---|---|---|
| Plywood tal-betula | 0 | 0 | 0 | 171 277 | 275 899 |
| *Indiċi* | | | | *100* | *161* |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Zkuk mis-siġar | 0 | 0 | 0 | 11 120 | 27 202 |
| *Indiċi* | | | | *100* | *245* |
| Fuljetti | 0 | 0 | 0 | 4 480 | 16 686 |
| *Indiċi* | | | | *100* | *372* |

*Sors*: Global Trade Atlas.

(46) It-tabella 2 turi li l-importazzjonijiet mir-Russja lejn il-Każakistan tal-plywood tal-betula, u taz-zkuk u l-fuljetta (materjali ewlenin tal-input għall-produzzjoni tal-plywood tal-betula) bdew biss fl-2022.

(47) Fil-PR, l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula żdiedu b'aktar minn 60 %. Bejn l-2022 u l-PR, l-importazzjonijiet taz-zkuk u l-fuljetta żdiedu b'mod konsiderevoli, fil-każ ta' fuljetta kważi erba' darbiet.

2.3.3. *Il-bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn ir-Russja u t-Turkija*

(48) Tabella 3 turi l-iżvilupp tal-importazzjonijiet tal-plywood, zkuk u fuljetta tal-betula mir-Russja lejn it-Turkija fil-PI ($m^3$):

*Tabella 3*

| | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | PR |
|---|---|---|---|---|---|
| Plywood tal-betula | 14 749 | 21 600 | 21 620 | 60 231 | 120 073 |
| *Indiċi* | *100* | *146* | *147* | *408* | *814* |
| Zkuk mis-siġar | | | 1 752 | 2 012 | |
| *Indiċi* | | | *100* | *115* | |
| Fuljetta | 10 462 | 23 260 | 40 096 | 71 672 | 109 977 |
| *Indiċi* | *100* | *222* | *383* | *685* | *1 051* |

*Sors*: Global Trade Atlas.

(49) Tabella 3 turi li l-plywood tal-betula beda jiġi importat mir-Russja lejn it-Turkija diġà fl-2019, iżda fi kwantitajiet relattivament baxxi. Bejn l-2021 u l-2022, l-importazzjonijiet ittriplaw. L-aktar żieda sinifikanti seħħet bejn l-2022 u l-PR, meta l-importazzjonijiet irduppjaw u laħqu aktar minn 120 elf $m^3$. F'termini ta' volum, meta mqabbla mal-2021 (il-perjodu qabel l-impożizzjoni tal-miżuri), l-importazzjonijiet tal-plywood żdiedu b'sitt darbiet.

(50) B'mod parallel, meta mqabbla mal-2019, l-importazzjonijiet taz-zkuk u l-fuljetta żdiedu wkoll. Filwaqt li għaz-zkuk ma kien hemm l-ebda żieda bejn l-2021 u l-PR, l-importazzjonijiet ta' fuljetta żdiedu b'aktar minn 10 darbiet bejn l-2019 u l-PR. Fil-PR, l-importazzjonijiet ta' fuljetta żdiedu b'2,5 meta mqabbla mal-2021.

2.3.4. *Konklużjoni*

(51) L-evoluzzjoni ta' hawn fuq tal-importazzjonijiet mir-Russja, mill-Każakistan u mit-Turkija turi b'mod ċar bidla fix-xejra tal-kummerċ wara li ġew imposti l-miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula. Filwaqt li l-importazzjonijiet mir-Russja kważi sparixxew, l-importazzjonijiet kemm mill-Każakistan kif ukoll mit-Turkija żdiedu b'mod konsiderevoli. Fl-istess ħin, il-flussi kummerċjali tal-plywood tal-betula, taz-zkuk u tal-fuljetta bejn ir-Russja u l-Każakistan u r-Russja u t-Turkija żdiedu b'mod sostanzjali.

(52) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tnaqqis fl-importazzjonijiet Russi, iż-żieda parallela fuq l-importazzjonijiet mill-Każakistan u mit-Turkija, jikkostitwixxu bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn il-pajjiżi msemmija hawn fuq skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku.

### 2.4. **In-natura tal-prattiki ta' evażjoni**

(53) L-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku jitlob li l-bidla fix-xejra tal-kummerċ tinbet minn prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr għall-impożizzjoni tad-dazju. Il-prattika, il-proċess jew il-ħidma jinkludu, fost l-oħrajn, il-konsenja tal-prodott soġġett għall-miżuri eżistenti permezz ta' pajjiżi terzi, u l-assemblaġġ ta' partijiet/operazzjonijiet ta' tlestija f'pajjiż terz skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku.

(54) Kif konkluż fit-Taqsima 2.1.4 hawn fuq, minħabba l-kooperazzjoni baxxa, is-sejbiet fir-rigward tal-eżistenza u tan-natura tal-prattiki ta' ċirkomvenzjoni kellhom ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(55) L-evidenza fit-talba u kkonfermata mill-Kummissjoni matul l-investigazzjoni, uriet li l-plywood tal-betula prodott fir-Russja ġie esportat lejn it-Turkija jew il-Każakistan. Parti intermedjarja fit-Turkija jew fil-Każakistan kienet tesporta mill-ġdid il-plywood tal-betula lejn l-Unjoni bħala lott waħdu jew billi tħalltu ma' plywood tal-betula prodott lokalment jew ma' speċijiet oħra tal-injam. Barra minn hekk, xi wħud mill-kumpaniji kemm fil-Każakistan kif ukoll fit-Turkija evitaw il-miżuri anti-dumping fuq il-plywood tal-betula mir-Russja, billi pproduċew plywood tal-betula minn inputs mir-Russja li, skont it-tifsira tal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku, instab li jikkostitwixxu operazzjoni ta' assemblaġġ/tlestija (ara t-Taqsima 2.7 hawn taħt) ([8]).

(56) Barra minn hekk, il-volum tal-importazzjonijiet fl-Unjoni kemm mit-Turkija kif ukoll mill-Każakistan fil-PR qabeż il-produzzjoni fiż-żewġ pajjiżi, stmata fil-PR għal madwar 17 sa 20 elf $m^3$, u madwar 69 elf $m^3$ rispettivament ([9]). Dawn l-importazzjonijiet ma setgħux ikunu kompletament kostitwiti minn plywood tal-betula ta' oriġini Każakistana jew Torka ([10]).

(57) Il-prattiki ta' trasbord tal-plywood Russu fil-PR mit-Turkija u l-Każakistan komplew jiġu evidenzjati minn bosta emails u offerti tal-prezzijiet mill-importaturi u n-negozjanti ([11]). L-informazzjoni ppreżentata mill-importaturi li kkooperaw uriet ukoll li l-plywood mir-Russja nbiegħ fis-suq tal-Unjoni, u li l-bejgħ sar permezz ta' katina ta' bosta negozjanti ([12]).

(58) Fil-Każakistan, il-prattiki ta' ċirkomvenzjoni ġew iffaċilitati mill-prossimità ġeografika tar-Russja, u mill-fatt li l-kumpaniji kellhom rabtiet mal-produtturi Russi tal-plywood tal-betula jew tal-materjali ta' input. Barra minn hekk, skont żewġ produtturi esportaturi, xi ċertifikati ta' oriġini tal-Każakistan sar negozju bihom u ntużaw ħażin għall-plywood ta' oriġini Russa.

### 2.5. **Il-motivazzjoni insuffiċjenti jew il-ġustifikazzjoni ekonomika**

(59) Minbarra ż-żieda fil-kostijiet tat-trasport marbuta mat-trażbord tal-plywood tal-betula mill-Każakistan u mit-Turkija, l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula mir-Russja lejn it-Turkija fil-PR kienu soġġetti għad-dazju doganali konvenzjonali ta' 7 % u, mill-2018, għal rata ta' dazju addizzjonali ta' 20 %. Għalhekk, it-trażbord tal-plywood miż-żewġ pajjiżi kien jinvolvi kostijiet addizzjonali, u ma nstabet l-ebda ġustifikazzjoni ekonomika għall-bidla fix-xejra tal-kummerċ u l-prattiki.

([8]) Il-paragrafi 38 sa 45 u l-paragrafi 71 sa 77 tat-talba.

([9]) Il-produzzjoni fit-Turkija ġiet stmata abbażi tal-kapaċità tal-produzzjoni stmata (il-paragrafu 32 tat-talba). Il-produzzjoni għalhekk probabbli kienet aktar baxxa. Il-produzzjoni fil-Każakistan kienet ibbażata fuq it-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi Każakistani u l-informazzjoni fit-talba (il-paragrafu 67).

([10]) Skont l-informazzjoni pprovduta fit-talba, fit-Turkija ma hemm l-ebda produzzjoni ta' densità kbira ta' speċijiet tal-betula użati għall-produzzjoni tal-plywood tal-betula, u l-ekosistema tal-betula fit-Turkija mhijiex ta' produttività għolja.

([11]) L-Annessi 16 sa 24 tat-talba.

([12]) Tweġibiet miftuħa għall-kwestjonarju tal-importaturi.

(60) Kemm Favorit kif ukoll SFK qiesu li l-Kummissjoni ma stabbilietx li ċ-ċirkomvenzjoni tirriżulta minn prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju, u argumentaw li l-importazzjonijiet mill-Każakistan bdew jaslu fl-Unjoni biss wara l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet fuq il-plywood Russu li huwa l-unika kawża jew ġustifikazzjoni ekonomika għaż-żieda fl-importazzjonijiet ([13]).

(61) Il-Kummissjoni qieset li s-sanzjonijiet ġew imposti inqas minn 8 xhur wara l-impożizzjoni tad-dazji anti-dumping u li l-bidu tal-bidla fix-xejra tal-kummerċ seta' diġà jiġi osservat qabel ma ġew imposti s-sanzjonijiet. L-importazzjonijiet mill-Każakistan (u mit-Turkija) bdew qabel ma ġew imposti s-sanzjonijiet. Barra minn hekk, l-investigazzjoni żvelat li SFK waqqfet importatur relatat fl-Unjoni f'April 2022 eżatt wara l-impożizzjoni tad-dazji anti-dumping, u qabel ma s-sanzjonijiet daħlu fis-seħħ (l-10 ta' Lulju 2022).

(62) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda raġuni valida oħra jew ġustifikazzjoni ekonomika għall-kunsinna tal-plywood tal-betula mill-Każakistan u mit-Turkija, għajr iċ-ċirkomvenzjoni tad-dazji.

### 2.6. **Bidu jew żieda sostanzjali ta' prattiki definiti fl-Artikolu 13(2)**

(63) Skont l-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku, l-operazzjoni ta' assemblaġġ bdiet jew żdiedet sostanzjalment mill-bidu tal-investigazzjoni antidumping jew eżatt qabel, filwaqt li l-partijiet ikkonċernati huma mill-pajjiż soġġett għall-miżuri antidumping.

(64) Fid-dawl tal-livell baxx ta' kooperazzjoni fiż-żewġ pajjiżi, il-Kummissjoni bbażat is-sejbiet tagħha dwar il-bidu jew iż-żieda sostanzjali tal-prattiki identifikati bħala operazzjoni ta' assemblaġġ jew kompletazzjoni, abbażi tal-aħjar fatti disponibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(65) Id-*data* statistika, kif miġbura fil-qosor fit-Taqsima 2.3 hawn fuq uriet b'mod ċar li l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ u kompletazzjoni u l-importazzjonijiet sussegwenti fl-Unjoni bdew wara l-impożizzjoni tad-dazji anti-dumping f'Novembru 2021. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-operazzjoni ta' assemblaġġ bdiet wara l-impożizzjoni tad-dazji anti-dumping.

### 2.7. **Valur tal-partijiet u valur miżjud**

(66) L-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament bażiku jiddikjara li, sa fejn huma kkonċernati l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ, kundizzjoni oħra biex tiġi stabbilita ċ-ċirkomvenzjoni hija li l-partijiet (ta' oriġini Ċiniża, f'dan il-każ) jikkostitwixxu 60 % jew aktar tal-valur totali tal-partijiet tal-prodott assemblat u li l-valur miżjud tal-komponenti miġjuba, matul l-operazzjoni ta' assemblaġġ jew tlestija, huwa inqas minn 25 % tal-kost tal-manifattura.

(67) Xi produtturi Każakistani u Torok xtraw fil-PR il-materjali tal-input prinċipali mir-Russja (zkuk tal-betula, jew fuljetta tal-betula prodotta miz-zkuk, u reżina). Peress li z-zkuk, il-fuljetta u r-reżina jikkostitwixxu 100 % tal-materjal tal-input, il-valur tal-materjal tal-input (il-partijiet miġjuba) qabeż il-limitu ta' 60 %.

(68) Dan ġie kkonfermat mis-sejbiet dwar il-produttur Tork li kkoopera, li jipproduċi plywood tal-betula mill-fuljetta Russa (għad-dettalji, ara t-Taqsima 4 hawn taħt). Is-sejbiet għal din il-kumpanija wrew ukoll li l-valur miżjud kien taħt il-limitu ta' 25 % stabbilit mill-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament bażiku. Għalhekk ġie konkluż li t-tieni kriterju stabbilit fl-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament bażiku ġie ssodisfat ukoll.

(69) SFK argumentat li l-investigazzjoni preżenti nbdiet biss fuq il-bażi ta' evidenza allegatament suffiċjenti rigward it-trażbord tal-plywood ta' oriġini Russa iżda ma kien hemm l-ebda evidenza fil-fajl li tirriżulta minn operazzjoni ta' assemblaġġ jew kompletazzjoni fir-rigward tal-bidla fix-xejra tal-kummerċ. SFK qieset li l-Kummissjoni ma kellha ebda għażla ħlief li toqgħod fuq id-*data* ta' SFK bħala fatti disponibbli, li fil-fehma tagħha turi li l-valur miżjud kien b'mod sinifikanti ogħla minn 25 % tal-kostijiet totali tal-manifattura.

([13]) Il-projbizzjoni tal-importazzjoni tal-prodotti tal-Kapitolu 44 (inkluż il-plywood tal-betula) mir-Russja daħlet fis-seħħ fl-10 ta' Lulju 2022 (https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2022/576/oj).

(70) Il-Kummissjoni qieset li, kif stabbilit fir-Regolament tal-bidu (it-Taqsima D), hija tista' tinvestiga wkoll prattiki oħra ta' ċirkomvenzjoni, jekk jiġu identifikati matul l-investigazzjoni. F'dan il-każ, u kif imsemmi fit-Taqsima 2.2 hawn fuq, il-Kummissjoni investigat ukoll l-operazzjonijiet ta' assemblaġġ/kompletazzjoni u kkonkludiet li l-miżuri fuq l-importazzjonijiet mir-Russja kienu, fost l-oħrajn, evitati permezz ta' operazzjonijiet ta' assemblaġġ jew ta' kompletazzjoni kemm fil-Każakistan kif ukoll fit-Turkija.

### 2.8. **Imminar tal-effett ta' rimedju tad-dazju anti-dumping**

(71) F'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet tal-prodott investigat, kemm f'termini ta' kwantitajiet kif ukoll ta' prezzijiet, imminawx l-effetti ta' rimedju tal-miżuri attwalment fis-seħħ.

(72) Fir-rigward tal-kwantitajiet, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Każakistan kien jirrappreżenta madwar 7,9 % tal-konsum tal-Unjoni matul il-PR filwaqt li ma kien hemm l-ebda importazzjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali ([14]). Għat-Turkija, is-sehem mis-suq żdied minn 0,2 % fil-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali għal 2,8 % fil-PR. Il-Kummissjoni qieset li l-volum tal-importazzjonijiet kien sinifikanti.

(73) Fir-rigward tal-prezzijiet, il-Kummissjoni qabblet il-prezz medju mhux dannuż kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, aġġustat għaż-żieda fil-kost bejn il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali u l-PR, mal-prezzijiet CIF medji ponderati tal-esportazzjoni ddeterminati abbażi tal-informazzjoni pprovduta fl-istatistika tal-Eurostat, aġġustati kif xieraq biex jinkludu d-dazji doganali konvenzjonali (7 % għall-Każakistan u xejn għat-Turkija) u l-kostijiet ta' wara l-approvazzjoni, stmati għal 5 % ([15]). Dan it-tqabbil tal-prezzijiet wera l-eżistenza ta' bejgħ taħt il-prezz ta' 66,4 % għall-Każakistan u ta' 18,9 % għat-Turkija.

(74) Il-Kummissjoni qabblet ukoll il-prezzijiet tal-importazzjonijiet kif stabbilit hawn fuq mal-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Dan it-tqabbil tal-prezzijiet wera twaqqigħ tal-prezz ta' 36,7 % għall-Każakistan, u ta' 14,6 % għat-Turkija ([16]).

(75) Il-Kummissjoni kkonkludiet li fil-PR il-miżuri eżistenti ġew imminati f'termini ta' kwantitajiet u prezzijiet mill-importazzjonijiet mill-Każakistan u mit-Turkija.

(76) Kemm Favorit kif ukoll SFK sostnew li, għall-kuntrarju tal-Artikoli 3.1 sa 3.5 tal-Ftehim AD, il-Kummissjoni ma ddeterminatx dannu materjali jew theddida ta' dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni.

(77) Il-Kummissjoni qieset li l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku jirrikjedi analiżi dwar jekk l-importazzjonijiet jimminawx l-effetti rimedjali tad-dazju, u mhux biex jiġi stabbilit mill-ġdid id-dannu. Kif imsemmi fil-premessa (13), il-fatt li dawn l-importazzjonijiet ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni u li kien hemm rabta kawżali bejn dawn l-importazzjonijiet u d-dannu kien diġà stabbilit fir-Regolament oriġinali. Għalhekk, f'investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni, l-analiżi tad-dannu, tat-theddida ta' dannu u tar-rabta kawżali ma kinitx meħtieġa. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni.

### 2.9. **Evidenza ta' dumping**

(78) F'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk kienx hemm evidenza ta' dumping fir-rigward tal-valuri normali stabbiliti minn qabel għall-prodott simili.

(79) Għal dan l-għan, il-prezzijiet tal-esportazzjoni ġew iddeterminati abbażi tad-*data* fil-Eurostat u miġjuba mill-fabbrika u mqabbla mal-valuri normali stabbiliti matul l-investigazzjoni oriġinali, aġġustati kif xieraq għall-inflazzjoni.

(80) It-tqabbil tal-valuri normali stabbiliti qabel għall-prodott simili u l-prezzijiet tal-esportazzjoni wera evidenza ta' dumping għall-importazzjonijiet kemm mill-Każakistan kif ukoll mit-Turkija.

([14]) Il-konsum ġie stabbilit abbażi tal-istimi tal-bejgħ totali tal-UE u l-importazzjonijiet fil-PI.
([15]) Anness 26 tat-talba.
([16]) Il-prezzijiet tal-Unjoni huma bbażati fuq informazzjoni mit-talba (anness 26).

(81) Wara l-iżvelar, kemm Favorit kif ukoll SFK irreferew għall-ewwel sentenza tal-ittra ta' akkumpanjament għad-Dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali, li semmiet il-proposta li "*jiġu imposti miżuri antidumping definittivi fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula kkonsenjati mill-Każakistan*". Fuq din il-bażi, dawn il-kumpaniji sostnew li d-determinazzjoni tad-dumping kienet illegali, minħabba li l-marġni tad-dumping kellu jiġi kkalkulat billi jitqabbel il-valur normali stabbilit fil-Każakistan mal-prezzijiet tal-esportazzjoni mill-Każakistan. Huma argumentaw ukoll li l-Kummissjoni qabblet il-valuri normali u l-prezzijiet tal-esportazzjoni ddeterminati f'perjodi differenti. Fil-fehma tagħhom, l-aġġustament għall-valur normali għall-inflazzjoni sar b'referenza għall-pubblikazzjonijiet dwar il-prezzijiet tal-plywood tal-betula f'pajjiż terz, jiġifieri fir-Russja, u għalhekk ma kienx jirrifletti l-kundizzjonijiet tas-suq fil-Każakistan. Iż-żewġ kumpaniji argumentaw ukoll li l-Kummissjoni qabblet il-valuri normali u l-prezzijiet tal-esportazzjoni f'livell differenti ta' kummerċ. Fl-aħħar nett huma argumentaw li l-Kummissjoni injorat in-Numri ta' Kontroll tal-Prodotti ("PCN") fil-kalkoli tad-dumping tagħha.

(82) Il-Kummissjoni ċċarat li tabilħaqq l-ittra ta' akkumpanjament semmiet b'mod żbaljat "*impożizzjoni*" minflok "*estensjoni*". Madankollu, dan kien sempliċi żball klerikali. Mid-dokument ta' informazzjoni nnifsu, kien ċar li dan kien jikkonċerna sejbiet li abbażi tagħhom il-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li testendi d-dazji antidumping imposti fuq l-importazzjonijiet mir-Russja għall-importazzjonijiet mill-Każakistan u mit-Turkija, u mhux li timponi dazji antidumping ġodda. Kif stipulat fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-kundizzjoni bażika hija li għandu jkun hemm evidenza ta' dumping fir-rigward tal-valuri normali stabbiliti qabel għall-prodott simili. Fuq din il-bażi, il-valur normali kien ibbażat fuq il-valur normali stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali dwar l-importazzjonijiet mir-Russja, aġġustat kif xieraq għall-inflazzjoni, li tqabbel mal-prezzijiet tal-esportazzjoni mill-Każakstan, aġġustati għal-livell ex-works. Dan sar fil-livell tal-pajjiż kollu. Ma hemm l-ebda rekwiżit fl-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku biex jitwettaq tali tqabbil fil-livell ta' tipi ta' prodotti individwali. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni.

## 3. **MIŻURI**

(83) Abbażi tas-sejbiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri anti-dumping imposti fuq l-importazzjonijiet tal-plywood li joriġinaw mir-Russja qed jiġu evitati permezz ta' importazzjonijiet tal-prodott investigat ikkonsenjat mill-Każakistan u mit-Turkija.

(84) Għalhekk, skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li l-miżuri anti-dumping fis-seħħ jiġu estiżi għall-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat.

(85) Skont l-Artikolu 13(1), it-tieni paragrafu tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li l-miżura li għandha tiġi estiża tkun dik stabbilita fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1930 għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha", li hija dazju antidumping definittiv ta' 15,8 % applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju doganali.

(86) Skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, li jistipula li kwalunkwe miżura estiża jenħtieġ li tapplika għall-importazzjonijiet li daħlu fl-Unjoni taħt reġistrazzjoni imposta mir-Regolament tal-bidu, għandhom jingħabru dazji fuq dawk l-importazzjonijiet irreġistrati tal-prodott taħt investigazzjoni.

(87) Kemm Favorit kif ukoll SFK talbu li kwalunkwe Regolament li jestendi d-dazji jenħtieġ li jsemmi speċifikament li kwalunkwe fatt ta' ċirkomvenzjoni kif stabbilit fil-qafas ta' din l-investigazzjoni jenħtieġ li ma jinftehemx jew jissuġġerixxi xi sejba ta' ċirkomvenzjoni skont it-tifsira tal-miżuri restrittivi tal-UE fid-dawl tal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja.

(88) Il-Kummissjoni kkonfermat li l-bażi ġuridika għall-investigazzjoni kienet ir-Regolament bażiku, b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu, u li s-sejbiet dettaljati f'dan ir-Regolament kienu relatati maċ-ċirkomvenzjoni tad-dazji anti-dumping imposti fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula mir-Russja f'Novembru 2021.

## 4. TALBIET GĦAL EŻENZJONI

(89) Kif imsemmi fit-Taqsima 1.7 hawn fuq, il-Kummissjoni vvalutat it-talbiet għal eżenzjoni tal-produtturi esportaturi fil-Każakistan u fit-Turkija.

### 4.1. Il-Każakistan

#### 4.1.1. *Sejbiet fir-rigward ta' Favorit*

(90) Fiż-żjara ta' verifika fil-bini ta' Favorit u l-kumpaniji relatati tagħha, is-servizzi tal-Kummissjoni sabu li r-rekords kontabilistiċi ta' Favorit ma kinux affidabbli peress li l-veraċità tagħhom ma setgħetx tiġi kkonfermata minn xi dokument awditjat b'mod indipendenti. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi b'mod affidabbli l-ambitu tan-negozju ta' Favorit permezz ta' xi dokument uffiċjali, anki fin-nuqqas ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati b'mod indipendenti. Ir-rekords kontabilistiċi ma ppermettewx lill-Kummissjoni tistabbilixxi b'mod affidabbli x-xiri totali ta' materjali ta' input, ix-xiri totali tal-prodott lest, il-produzzjoni totali u l-volumi totali tal-bejgħ. Din l-informazzjoni kollha hija neċessarja sabiex tiġi vvalutata applikazzjoni għal eżenzjoni skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku. L-informazzjoni li ma setgħetx tiġi vverifikata kienet tikkonċerna parti kbira mix-xiri tal-materjal tal-input u tal-prodott ikkonċernat, inklużi l-kwantitajiet u l-valuri tax-xiri u l-bejgħ mill-ġdid tal-plywood u l-fuljetta tal-betula Russi, kif ukoll informazzjoni relatata mal-kostijiet u l-bejgħ. Konsegwentement, il-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi u tikkonferma l-kompletezza tad-*data* dwar il-volum u s-sors tal-plywood tal-betula esportat lejn l-Unjoni u għalhekk, biex tikkonferma jekk il-plywood kollu tal-betula mixtri minn Favorit fir-Russja reġax inbiegħ esklussivament fis-suq domestiku, kif iddikjarat minn Favorit.

(91) Il-Kummissjoni mbagħad analizzat jekk kienx possibbli li tintuża xi informazzjoni ta' Favorit, abbażi tal-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku. L-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku jipprevedi li, fejn l-informazzjoni ppreżentata minn parti interessata ma tkunx ideali fl-aspetti kollha, din ma għandhiex madankollu tiġi injorata, sakemm kwalunkwe nuqqas ma jkunx tali li jikkawża diffikultà żejda biex wieħed jasal għal sejba raġonevolment preċiża u li l-informazzjoni tiġi ppreżentata b'mod xieraq fi żmien xieraq u tkun verifikabbli, u li l-parti tkun aġixxiet bl-aħjar mod li tista'. Skont ġurisprudenza stabbilita, mill-formulazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni huwa evidenti li l-erba' kundizzjonijiet għandhom jiġu applikati b'mod kumulattiv. Għaldaqstant, jekk waħda biss minnhom ma tkunx issodisfatta, din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi applikata u l-informazzjoni inkwistjoni ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni ([17]).

(92) F'dan il-każ, il-Kummissjoni qieset li l-informazzjoni kollha sottomessa minn Favorit ma setgħetx titqies bħala verifikabbli. Fin-nuqqas ta' kontabbiltà affidabbli, il-volum u s-sors tal-plywood mibjugħ minn Favorit fis-suq tal-Unjoni ma setgħux jiġu stabbiliti b'mod affidabbli. Għalhekk, l-użu parzjali biss tal-informazzjoni sottomessa minn Favorit ma ppermettiex li wieħed jasal għal sejba raġonevolment preċiża dwar jekk Favorit kinitx qed tbigħ mill-ġdid il-plywood tal-betula li xtrat fir-Russja lis-suq tal-Unjoni.

(93) Il-Kummissjoni qieset ukoll fatturi oħra, bħan-nuqqas ta' mħażen separati, jew tal-inqas spazji u/jew tikkettar distinti b'mod ċar tal-prodott lest, għall-plywood tal-betula awto-prodott u dak mixtri, u l-fatt li l-plywood tal-betula destinat għas-suq domestiku ma kellu l-ebda tikketta, u n-nuqqas ta' rekords verifikabbli dwar il-moviment tal-istokk fl-imħażen tagħha. Il-kumpanija xtrat il-biċċa l-kbira tal-plywood tal-betula Russu permezz ta' negozjanti domestiċi u għalhekk, il-volum tiegħu ma setax jiġi stabbilit b'mod affidabbli peress li dan ix-xiri ma ġie rreġistrat fl-ebda dokument uffiċjali. Il-bejgħ mill-ġdid sar permezz ta' tliet negozjanti, tnejn fil-Każakistan, u wieħed barra mill-Każakistan. In-negozjant barra mill-Każakistan, li kien ibigħ mill-ġdid il-plywood tal-betula li xtara mingħand Favorit lejn l-Unjoni allegatament ma kellux kontijiet awditjati u għalhekk, l-informazzjoni dwar il-volumi u l-ispeċifiċitajiet tal-prodotti mibjugħa mill-ġdid ma setgħet tiġi vverifikata ma' ebda dokument uffiċjali. Minħabba l-kombinazzjoni ta' dawn il-fatturi kollha, il-Kummissjoni qieset li l-informazzjoni kollha pprovduta minn Favorit kellha tiġi miċħuda.

(94) Fuq din il-bażi, is-servizzi tal-Kummissjoni infurmaw lil Favorit bl-intenzjoni tagħhom li japplikaw l-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku, u jagħmlu s-sejbiet tagħha bbażati fuq "fatti disponibbli" użati għall-pajjiż kollu, miġbura fil-qosor fit-Taqsima 2.

([17]) Ara s-sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, City Cycle Industries vs Il-Kunsill, T 413/13, mhux ippubblikata, EU:T:2015:164, il-paragrafu 120 u l-ġurisprudenza ċċitata.

(95) Favorit ma qablitx ma' dawn is-sejbiet. Hija qieset li ma kien hemm l-ebda bażi biex jiġi applikat la l-Artikolu 18(1) u lanqas l-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku, peress li kkooperat bis-sħiħ fl-investigazzjoni u peress li pprovdiet id-*data* kollha meħtieġa li l-Kummissjoni talbet, u wriet b'suċċess li ma sar l-ebda ttrażbord tal-plywood tal-betula ta' oriġini Russa lejn l-Unjoni.

(96) Favorit argumentat li kienet produttriċi ġenwina u li l-kumpanija investiet ħafna sforzi fit-tħejjija tat-tweġiba għall-kwestjonarju, li kienet ikkumplikata minħabba l-fatt li ma kellhiex dikjarazzjonijiet finanzjarji, u minħabba li s-sistema kontabilistika tagħha kellha limitazzjonijiet.

(97) Wara d-divulgazzjoni, Favorit reġgħet sostniet li l-Kummissjoni injorat il-fatt li ffaċċjat diffikultajiet, minħabba li kienet kumpanija żgħira b'għadd limitat ta' persunal, u allegatament għamlet rekwiżiti mhux realistiċi, bħal fil-każ tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati, fi żmien 37 jum wara l-bidu.

(98) Favorit indikat ukoll il-fatt li ma kinitx meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni tal-Każakistan li jkollha rapporti finanzjarji u li l-Kummissjoni kienet konxja mid-diffikultajiet li Favorit kellha fir-rigward tal-kontabbiltà tagħha, u li madankollu pproċediet bl-investigazzjoni u wettqet il-verifika fuq il-post. Favorit argumentat li, meta tanalizza d-data, il-Kummissjoni għandha tapplika standard oġġettiv li jistabbilixxi affidabbiltà tal-informazzjoni kontabilistika, u rreferiet għall-Artikolu 15 tal-Ftehim Antidumping tad-WTO li jipprevedi li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-pajjiżi membri tad-WTO li qed jiżviluppaw, u għalhekk li l-Kummissjoni ma tistax tapplika l-IFRS jew standards globali oħra. Hija rreferiet għal każ ta' produttur Alġerin li għalih il-Kummissjoni applikat dan l-Artikolu minħabba l-fatt li ma kellhiex rekords kontabilistiċi għal nofs il-perjodu ta' investigazzjoni ([18]).

(99) Il-Kummissjoni ma kkontestatx il-fatt li Favorit ipproduċiet ukoll il-plywood tal-betula tagħha stess, iżda l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 kienet ibbażata fuq taħlita ta' fatturi, kif spjegat hawn fuq fil-premessi (90) sa (93). L-għan tal-verifika fuq il-post ma kienx biss li tiġi eżaminata l-affidabbiltà tad-*data* kontabilistika, iżda wkoll li tiġi vverifikata informazzjoni oħra li setgħet tiġi vverifikata biss fuq il-post, bħal, fost l-oħrajn, l-eżistenza ta' produzzjoni ġenwina, il-ħażna tal-materjal tal-input, ir-rekords li jistgħu jeżistu biss fuq karta stampata, il-post fiżiku tal-istokk tal-plywood tal-betula, u s-separazzjoni bejn il-produzzjoni proprja u l-plywood tal-betula mixtri fir-Russja. Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll li l-fatt li saret iż-żjara ta' verifika ma kienx ifisser li d-*data* kellha tiġi aċċettata. Għalhekk, il-Kummissjoni ma qablitx li l-fatt li d-*data* ma ġietx miċħuda mill-bidu kien ifisser li l-Kummissjoni kellha taċċetta din id-*data*.

(100) Il-Kummissjoni nnotat ukoll li ma kinitx tirrikjedi li l-kumpaniji jipprovdu rapporti finanzjarji jekk dawn ma kinux jeżistu u meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma kinitx teħtieġ il-preparazzjoni tagħhom, u lanqas ma kienet teħtieġ li l-informazzjoni li kellha tiġi pprovduta tkun konformi mal-IFRS jew ma' standards kontabilistiċi oħrajn, f'sitwazzjonijiet fejn ma kinitx meħtieġa mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-pajjiż inkwistjoni. Għalhekk, ir-raġuni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 ma kinitx in-nuqqas ta' konformità tal-kontabbiltà ta' Favorit mal-istandards kontabilistiċi, iżda pjuttost il-fatt li r-rekords kontabilistiċi miżmuma minn Favorit ma kinux affidabbli u għamluha impossibbli li tiġi vverifikata l-veraċità tal-informazzjoni li Favorit ippreżentat mat-talba tagħha għal eżenzjoni. B'riżultat ta' dan, Favorit ma setgħetx turi li ma kinitx involuta fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni.

(101) Mingħajr preġudizzju għall-prinċipju li l-legalità tal-miżuri anti-dumping għandha tiġi vvalutata b'referenza għal-liġi applikabbli, u mhux b'referenza għall-allegata prattika amministrattiva tal-passat, il-Kummissjoni nnotat ukoll li fil-każ tal-produttur Alġerin, hija ddeċidiet "*li tuża data mill-kumpanija fejn tqieset affidabbli biżżejjed, u sa fejn ma affettwatx materjalment l-eżitu*" ([19]). Il-konklużjoni għad-*data* ta' Favorit kienet kuntrarja għas-sitwazzjoni tal-produttur Alġerin – il-Kummissjoni ma qisitx id-*data* ta' Favorit għal kwalunkwe parti tal-perjodu ta' investigazzjoni bħala affidabbli biżżejjed, u l-veraċità tagħha kellha impatt dirett fuq l-eżitu. Għalhekk, il-Kummissjoni sabet l-argument ta' Favorit mhux sostanzjat.

([18]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 617/2000 tas-16 ta' Marzu 2000 li jimponi dazji anti-dumping provviżorji fuq importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' urea u nitrat tal-ammonju li joriġinaw fl-Alġerija, fil-Belarus, fil-Litwanja, fir-Russja u fl-Ukrajna u li jaċċetta, fuq bażi provviżorja, impenn offrut minn produttur esportatur fl-Alġerija (ĠU L 75, 24.3.2000, p. 3), il-premessa 10.

([19]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 617/2000, il-premessa 10.

(102) Favorit qieset ukoll li l-ittra tal-Artikolu 18 ma speċifikatx eżattament x'wassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18(1) u 18(3) tar-Regolament bażiku. Hija argumentat li hija pprovdiet l-informazzjoni kollha mitluba, u li għalhekk, l-Artikolu 18(1) ma kienx japplika. Barra minn hekk, hija qieset li l-Kummissjoni ma setgħetx tapplika l-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku biss minħabba li d-*data* ta' Favorit ma kinitx ideali fl-aspetti kollha. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni kienet żbaljata sal-punt li l-Artikolu 18(1) kien japplika minħabba li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 18(3) ma kinux issodisfati. Hija qieset li l-Artikolu 18(1) u 18(3) jindirizzaw sitwazzjonijiet differenti u l-applikazzjoni tagħhom mhijiex kontinġenti fuq xulxin.

(103) Barra minn hekk, Favorit sostniet li l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tinjora d-data ta' Favorit fl-intier tagħha tmur manifestament kontra l-punt 3 tal-Anness II tal-Ftehim AD. Hija rreferiet għar-rapport tal-Korp tal-Appell f'*US — Hot-Rolled Steel* ([20]), li speċifika li skont il-paragrafu 3 tal-Anness II, l-awtoritajiet investigattivi huma diretti biex jużaw l-informazzjoni jekk jiġu ssodisfati tliet kundizzjonijiet, jiġifieri li tali informazzjoni tkun verifikabbli, sottomessa b'mod xieraq sabiex tkun tista' tintuża fl-investigazzjoni mingħajr diffikultajiet żejda, u tiġi pprovduta fil-ħin. Minn dan isegwi li jekk dawn il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati, l-awtoritajiet investigattivi mhumiex intitolati li jiċħdu l-informazzjoni sottomessa, meta jagħmlu d-determinazzjoni. Favorit argumentat li dawn il-kundizzjonijiet ġew issodisfati f'dan il-każ peress li l-Kummissjoni vverifikat diversi dokumenti li indikaw in-nuqqas ta' ċirkomvenzjoni. Minħabba li l-Kummissjoni talbet biex tirrikonċilja l-informazzjoni mal-bilanċ ta' tqabbil preliminari u Favorit u l-kumpaniji relatati tagħha għamlu dan, hija kienet obbligata li tqis tali informazzjoni, qabel ma tirrikorri għal kwalunkwe fatt disponibbli. Favorit tenniet argumenti simili wara d-divulgazzjoni.

(104) Il-Kummissjoni tenniet li r-raġunijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku kienu spjegati fid-dettall fl-ittra tal-Artikolu 18. Barra minn hekk, l-informazzjoni miġbura matul iż-żjara ta' verifika ssemmiet fir-rapport tal-missjoni kondiviż mal-kumpanija wara ż-żjara ta' verifika. Peress li l-informazzjoni pprovduta ma kinitx verifikabbli b'mod ċar, kif spjegat fil-premessi (90) sa (93) hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet għall-użu tal-Artikolu 18(3) ma kinux issodisfati ([21]) u l-Kummissjoni bbażat is-sejbiet tagħha biss fuq l-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku, mhux fuq iż-żewġ artikoli (l-Artikolu 18(1) u 18 (3)), kif allegat minn Favorit.

(105) Favorit kompliet targumenta li hija wriet b'mod suffiċjenti li ma kinitx involuta f'ċirkomvenzjoni, li l-Kummissjoni setgħet tivverifika. L-informazzjoni kollha kienet taqbel mas-sistema ERP tal-kumpanija ([22]), li fil-fehma ta' Favorit ma setgħetx tinbidel b'mod retroattiv. Hija qieset ukoll li l-Kummissjoni setgħet tikkonferma viżwalment ukoll li dak li ġie mgħobbi għas-suq tal-Unjoni kien l-istess bħal dak li deher fil-maħżen tal-kumpanija f'Uralsk. Favorit tenniet argumenti simili wara d-divulgazzjoni.

(106) Il-Kummissjoni qieset li l-informazzjoni sottomessa mill-partijiet trid tkun verifikabbli, affidabbli u għalhekk utilizzabbli, u ppreżentata b'mod li tkun tista' tiġi vverifikata mal-kotba u r-rekords awditjati tal-kumpanija li tissottomettiha, jew ma' kwalunkwe dokument uffiċjali ieħor. Madankollu, fil-każ ta' Favorit instab li l-informazzjoni ma kinitx verifikabbli, affidabbli, u ma setgħetx tintuża u ma setax jiġi ppruvat li hija preċiża. Għalhekk, il-Kummissjoni ma qablitx li Favorit uriet li ma kinitx involuta fil-prattiki ta' ċirkomvenzjoni u jiġifieri li ma kinitx qed tbigħ mill-ġdid il-plywood tal-betula Russu lill-Unjoni.

([20]) Ir-rapport tal-Korp tal-Appell, l-Istati Uniti — Anti-Dumping Measures on Certain Hot-Rolled Steel Products from Japan, WT/DS184/AB/R, il-paragrafu 80.

([21]) Il-Kummissjoni eżaminat jekk "in-nuqqasijiet kinux tali li jikkawżaw diffikultà żejda biex wieħed jasal għal sejba raġonevolment preċiża dwar jekk l-informazzjoni ġietx ippreżentata b'mod xieraq fi żmien xieraq u kinitx verifikabbli, u jekk il-parti aġixxietx bl-aħjar mod possibbli". Għaldaqstant, jekk waħda biss minnhom ma tkunx issodisfata, dik id-dispożizzjoni ma tistax tiġi applikata u l-informazzjoni inkwistjoni ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni (ara s-sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, City Cycle Industries vs Il-Kunsill, T 413/13, mhux ippubblikata, EU:T:2015:164, il-paragrafu 120 u l-ġurisprudenza ċċitata).

([22]) ERP tirreferi għall-Ippjanar tar-Riżorsi tal-Intrapriżi u hija software li jirreġistra l-attivitajiet kummerċjali ta' kumpanija.

(107) Il-Kummissjoni nnotat ukoll li l-kwantità tal-plywood tal-betula Russu, mixtri minn Favorit, kienet sinifikanti u kienet tirrappreżenta [10-40] % tal-bejgħ tagħha u kienet qrib il-kwantità li Favorit esportat lejn l-Unjoni. Madankollu, kif spjegat hawn fuq, in-nuqqas ta' kontijiet affidabbli u verifikabbli li jirreġistraw il-bejgħ mill-ġdid ma ppermettiex lill-Kummissjoni tikkonferma la l-kwantitajiet u lanqas id-destinazzjoni tal-plywood tal-betula Russu. Favorit biegħet mill-ġdid il-plywood permezz ta' negozjanti fil-Każakistan u negozjant barra mill-Każakistan li għalih Favorit sostniet li ma kinux meħtieġa kontijiet awditjati uffiċjalment. Kif spjegat matul iż-żjara ta' verifika, dawn il-kanali tal-bejgħ permezz ta' negozjanti għamluha possibbli għal Favorit li tesporta lejn l-Unjoni. Bl-istess mod, meta x-xiri ta' inputs Russi għall-produzzjoni tal-plywood u l-bejgħ tal-plywood tal-betula sar permezz ta' negozjanti, dan ma setax jiġi vverifikat ma' xi dokument uffiċjali jew awditjat b'mod indipendenti.

(108) Għalhekk, ir-rekords fil-kontijiet ta' Favorit ma kinux kompluti u ma setgħux jiġu vverifikati. Il-Kummissjoni nnotat ukoll li l-argument li s-sistema ERP ma setgħetx tinbidel b'mod retroattiv ma kienx ibbażat fuq xi evidenza konkreta iżda pjuttost kien dikjarazzjoni tal-kumpanija li ma setgħetx tiġi vverifikata. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika li dak li kien hemm fis-sistema ERP kien jikkonċerna t-totalità tat-tranżazzjonijiet ta' Favorit.

(109) Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotat li l-ebda rekord jew evidenza oħra ma ppermettew li jiġi kkonfermat, waqt iż-żjara fil-maħżen f'Zubovsk, fil-bini tal-kumpanija u fil-maħżen f'Uralsk, li l-plywood tal-betula destinat għall-Unjoni u l-plywood tal-betula destinat għas-suq domestiku nżammu separatament. Fiż-żmien taż-żjara, ftit li xejn kien hemm stokk miżmum, u ftit minnu biss kien tikkettat. Il-kumpanija la setgħet turi rekords għall-movimenti tal-istokk li jittraċċaw l-oriġini u d-destinazzjoni tal-plywood tal-betula f'Zubovsk, u lanqas fil-maħżen f'Uralsk. Għall-kuntrarju, f'Zubovsk, ġie argumentat li (l-uniku) impjegat li jaħdem fil-maħżen kellu l-għarfien dwar il-plywood tal-betula li kellu jitgħabba, għalhekk ma kien meħtieġ l-ebda rekord jew tikkettar fuq il-plywood tal-betula lest biex jinbiegħ. F'Uralsk, għalkemm il-maħżen kien kondiviż ma' kumpaniji oħra, allegatament ma nżamm ebda rekord lanqas. Il-Kummissjoni għalhekk ma qablitx mal-argument ta' Favorit li l-fatt li pakketti ttikkettati bħala li huma għall-Unjoni kienu simili għal dawk li l-Kummissjoni setgħet tara fil-maħżen f'Uralsk kien jikkostitwixxi evidenza li l-plywood mibjugħ lis-suq tal-Unjoni kien prodott minn Favorit. Għall-kuntrarju, peress li allegatament l-ebda rekord ma nżamm f'ebda wieħed mill-imħażen, u ma kienx hemm spazju separat għall-produzzjoni ta' Favorit u għall-plywood Russu, il-kumpanija ma setgħetx turi li dak li kien esportat lejn l-Unjoni kien biss il-produzzjoni tagħha stess.

(110) Favorit argumentat ukoll li kellha biss sett wieħed ta' kontijiet li jinħareġ għall-finijiet kollha, inkluż għall-kontabbiltà tat-taxxa. Hija argumentat li x-xiri kollu ġie rreġistrat fis-sistema kontabilistika ta' Favorit u rrappurtat fil-kontabbiltà tat-taxxa. Barra minn hekk, Favorit argumentat li n-nuqqasijiet fil-kontabbiltà tagħha relatati mal-affidabbiltà u l-verifikabbiltà tad-*data* kienu irrilevanti biex tiġi vvalutata t-talba tagħha għal eżenzjoni. Favorit argumentat li skont il-Qorti tal-Ġustizzja f'*Maxcom* ([23]), it-talbiet għal eżenzjoni għandhom jintlaqgħu jekk ikunu sostnuti minn evidenza u jekk tali evidenza turi li l-esportaturi li ressqu talba ma kinux involuti fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni. Hija argumentat li l-Qorti tal-Ġustizzja ma llimitatx il-kunċett ta' evidenza li għandha tiġi ppreżentata sabiex jiġi ssodisfat l-istandard legali rilevanti għal tip speċifiku. B'mod partikolari, fil-fehma tagħha, ma kienx hemm rekwiżit li l-applikanti jkollhom dikjarazzjonijiet finanzjarji, dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati, "kontijiet uffiċjali", u li fil-prinċipju kwalunkwe evidenza tkun biżżejjed.

(111) Il-Kummissjoni ma qablitx li nżamm sett wieħed biss ta' kontijiet. Għall-kuntrarju, il-kontijiet ta' Favorit użati għall-kontabbiltà tat-taxxa ma kinux kompluti. Peress li jenħtieġ li l-kontijiet normalment jinkludu x-xiri u l-bejgħ mill-ġdid tal-plywood tal-betula Russu, il-Kummissjoni ma qablitx li l-affidabbiltà tagħhom kienet irrilevanti biex tiġi vvalutata t-talba għal eżenzjoni tagħha. Il-Kummissjoni fakkret li l-konklużjoni tagħha li tapplika l-Artikolu 18 kienet ibbażata fuq għadd ta' fatturi, dettaljati fil-premessi (90) sa (93) u mhux fuq biċċa waħda ta' evidenza speċifika. Għalhekk, hija ċaħdet l-affermazzjoni li n-nuqqasijiet fil-kontabbiltà tagħha kienu irrilevanti.

([23]) Is-sentenza tal-Qorti (Ir-Raba' Awla) tas-26 ta' Jannar 2017, il-Kawżi Magħquda C-247/15 P, C-253/15 P u C-259/15 P, il-paragrafu 58.

(112) Favorit argumentat ukoll li l-kwestjonarju u l-ittra ta' qabel il-verifika kienu jeħtieġu li jsiru r-rikonċiljazzjonijiet kollha mal-bilanċ ta' tqabbil preliminari u mar-rekords elettroniċi, li Favorit għamlet. Hija qieset li l-Kummissjoni naqset milli "tispeċifika fid-dettall" li Favorit suppost kellha wkoll torbot id-*data* ma' xi "kontijiet uffiċjali". Hija argumentat ukoll li l-Kummissjoni naqset ukoll milli tartikola l-mod kif dik l-informazzjoni kellha tiġi strutturata. Fil-fehma tagħha, il-Kummissjoni għalhekk naqset milli tqis diffikultajiet ġenwini li Favorit kienet esperjenzat (bħan-nuqqas ta' dikjarazzjonijiet finanzjarji) u li hija kienet ikkomunikat lill-Kummissjoni. Fil-fehma tagħha, il-Kummissjoni ma setgħetx imbagħad issib li Favorit żbaljat minħabba l-allegat nuqqas ta' kooperazzjoni tagħha.

(113) Il-Kummissjoni ma qablitx. Hija speċifikat fid-dettall l-informazzjoni li kienet teħtieġ u l-mod kif dik l-informazzjoni għandha tkun strutturata fil-kwestjonarju. Kien ukoll konformi mal-prattika standard tagħha li tivverifika l-veraċità tal-informazzjoni billi tikkontroverifikaha, fost l-oħrajn, ma' kontijiet uffiċjali, dikjarazzjonijiet tat-taxxa, jew rekords miżmuma fil-fabbrika. Madankollu, Favorit ma setgħetx tipprovdi r-rikonċiljazzjoni ma' xi dokumenti uffiċjali jew awditjati b'mod indipendenti. Il-Kummissjoni tenniet ukoll li r-raġuni għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 ma kinitx li Favorit irrifjutat li tipprovdi kwalunkwe informazzjoni mitluba, iżda pjuttost minħabba l-fatti spjegati fid-dettall fil-premessi (90) sa (93). Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni.

(114) Favorit argumentat li matul iż-żjara ta' verifika, hija għamlet rikonċiljazzjoni tad-dħul fil-modulu tal-kontabbiltà tat-taxxa tagħha mad-dħul fid-dikjarazzjonijiet tal-VAT u li hija rrikonċiljat ukoll id-dħul mal-modulu tal-kontabbiltà tal-ġestjoni u tat-taxxa. Din ir-rikonċiljazzjoni wriet li ż-żewġ settijiet ta' *data* ġew mill-istess kontijiet u għalhekk kienu affidabbli, preċiżi u verifikabbli. L-ittra tal-Artikolu 18 kienet għalhekk manifestament żbaljata u mhux motivata billi allegat li kien hemm xi kwistjoni rigward ir-rikonċiljazzjoni u kienet tmur ukoll kontra l-paragrafu 1 tal-Anness II tal-Ftehim Antidumping tal-AD.

(115) Il-Kummissjoni nnotat li parti biss mill-kontijiet kienu jirrikonċiljaw ma' dokumenti uffiċjali li għalhekk ma setgħetx tikkostitwixxi evidenza li l-kumpanija rrappurtat il-bqija tal-informazzjoni kollha b'mod korrett. Il-Kummissjoni għalhekk ma qablitx li minħabba li parti mill-operazzjoni kienet taqbel mal-kontijiet uffiċjali, id-*data* kellha tiġi aċċettata. Kif spjegat hawn fuq, il-fatt li d-*data* kollha ma setgħetx tiġi rrikonċiljata jpoġġi f'dubju l-informazzjoni kollha sottomessa minn Favorit. Għalhekk, hija ċaħdet din l-affermazzjoni.

(116) Favorit argumentat ukoll li l-ittra tal-Artikolu 18 ma spjegatx liema fatti disponibbli kellha l-intenzjoni li tapplika u jekk tali fatti disponibbli kinux ibbażati fuq id-*data* ta' Favorit jew fuq xi ħaġa oħra. Xejn fir-rekords ma kien jindika l-involviment ta' Favorit fi prattiki ta' trażbord jew prattiki oħra ta' ċirkomvenzjoni. Anki jekk jiġi applikat l-Artikolu 18(1), l-uniċi fatti li jissostitwixxu b'mod raġonevoli l-informazzjoni nieqsa jkunu d-*data* pprovduta minn Favorit. L-estrapolazzjoni ta' sejbiet ta' ċirkomvenzjoni fil-pajjiż kollu għal Favorit kienet fil-fehma tagħha irraġonevoli peress li tali għażla ta' fatti jkollha l-għan ċar li tikkastiga parti li ma tikkooperax, li ma kienx il-każ ta' Favorit.

(117) Favorit qieset ukoll li kwalunkwe tentattiv biex jinsiltu inferenzi negattivi mill-allegat nuqqas ta' kooperazzjoni kien illegali skont l-Artikolu 6.8 tal-Ftehim AD, kif ukoll l-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Hija argumentat li f'konformità mas-sentenza fil-*Messiku Miżuri Anti-Dumping fuq ir-Ross*, u r-Rapport tal-Bord, China-GOES, il-Kummissjoni trid issib "*l-aħjar informazzjoni disponibbli*" li ma għandhiex tkun sempliċiment korretta jew utli per se iżda "*l-aktar li tixraq*" jew "*l-aktar f'lokha*", u li n-nuqqas ta' kooperazzjoni ma jiġġustifikax it-teħid ta' konsegwenzi negattivi ([24]). Favorit irrepetiet l-istess argument wara l-iżvelar.

([24]) Ir-rapport tal-Korp tal-Appell, il-Messiku — Anti-Dumping Measures on Rice, WT/DS295/AB/R, il-paragrafu 289, u r-Rapport tal-Bord, iċ-Ċina — GOES, WT/DS414/R, il-paragrafu 7.302.

(118) Il-Kummissjoni tenniet li d-*data* ta' Favorit ma setgħetx tintuża bħala bażi għas-sejbiet tagħha. Kif spjegat hawn fuq, id-*data* pprovduta mill-kumpanija ma kinitx verifikabbli u bħala tali ma setgħetx tintuża lanqas skont l-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku. Kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja, huwa f'idejn kull produttur-esportatur individwali li juri li s-sitwazzjoni partikolari tiegħu tiġġustifika eżenzjoni skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku ([25]). Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li Favorit ma wrietx li kienet produttriċi ġenwina li ma kinitx involuta f'attivitajiet ta' ċirkomvenzjoni. F'dawk iċ-ċirkostanzi, f'konformità mal-prattika preċedenti tagħha, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda għażla ħlief li tibbaża ruħha fuq sejbiet ta' ċirkomvenzjoni fil-pajjiż kollu. Barra minn hekk, l-Artikolu 18(6) tar-Regolament bażiku jipprevedi li meta parti tkun naqset milli tikkoopera parzjalment jew kompletament, ir-riżultat "jista' jkun inqas favorevoli ... milli kieku tkun ikkooperat". Għaldaqstant, il-fatt li l-applikazzjoni fuq Favorit tas-sejbiet tal-pajjiż kollu kellha tkun inqas favorevoli għal Favorit ma kienx intenzjonat li jikkastiga lil Favorit iżda kien l-unika għażla u l-konsegwenza tal-fatt li d-*data* tagħha ma setgħetx tintuża.

(119) Favorit argumentat ukoll li hija pprovdiet ir-rapport tal-profitt u t-telf tan-negozjanti fil-Każakistan li kienet tesporta permezz tagħhom u għalhekk, il-Kummissjoni setgħet twettaq verifika u rikonċiljazzjoni sħiħa. Barra minn hekk, hija argumentat li dawn in-negozjanti ma kellhom l-ebda obbligu li jipprovdu kontijiet awditjati. Favorit sostniet ukoll li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta qieset li hija ma pprovdietx rapport tal-profitt u t-telf tan-negozjant barra mill-Każakistan. Hija tenniet ukoll li n-negozjant barra mill-Każakistan ma kienx meħtieġ li jkollu kontijiet awditjati.

(120) Il-Kummissjoni nnotat li r-rapporti tal-profitt u t-telf tan-negozjanti kienu jirriflettu biss parti min-negozju ta' Favorit u, għalhekk, ma kinux jikkostitwixxu evidenza li d-*data* kollha pprovduta minn Favorit kienet korretta. Bl-istess mod, il-kontijiet tan-negozjant barra mill-Każakistan kienu jkopru biss parti mill-bejgħ ta' Favorit u ma setgħux jintużaw biex tiġi stabbilita l-veraċità tal-kontijiet ta' Favorit. Għalhekk, hija ċaħdet din l-affermazzjoni.

(121) Favorit argumentat ukoll li fuq il-bażi tal-prattika konsistenti tal-Kummissjoni, in-nuqqas ta' kooperazzjoni mal-antiċirkomvenzjoni ma jwassalx awtomatikament għas-sejba ta' ċirkomvenzjoni b'mod awtomatiku jew għan-nuqqas ta' kunsiderazzjoni totali tad-*data* sottomessa. Hija rreferiet għall-investigazzjoni relatata ma' Glass Fiber Fabric mill-Marokk li fiha produttur instab li ma kkooperax abbażi ta' seba' kwistjonijiet, iżda l-Kummissjoni aċċettat id-data tagħha ([26]), u investigazzjoni dwar Coumarin mill-Indja ([27]), fejn kumpanija qarrqet lill-Kummissjoni fir-rigward tal-affiljazzjoni tagħha mal-kumpaniji kummerċjali tagħha iżda fejn ma ġie applikat l-ebda Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għalhekk, hija qieset li l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tapplika l-fatti disponibbli u l-intenzjoni tagħha li tiċħad id-*data* tagħha kienet ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni li jobbliga li sitwazzjonijiet simili jiġu ttrattati bl-istess mod. Favorit argumentat ukoll li s-sitwazzjoni tagħha kienet simili għal dik inkwistjoni fis-sentenza *Maxcom*, u għalhekk, ma setgħet tinstab l-ebda sejba ta' ċirkomvenzjoni minn Favorit b'referenza għaċ-ċirkomvenzjoni fil-pajjiż kollu. Favorit qieset li hija kienet ipprovdiet evidenza li ma kinitx qed tagħmel ċirkomvenzjoni u li, għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx tapplika s-sejbiet fil-pajjiż kollu għas-sitwazzjoni tagħha.

([25]) Ara pereżempju tas-26 ta' Jannar 2017, Maxcom v Chin Haur Indonesia, C-247/15 P, C-253/15 P and C-259/15 P, EU:C:2017:61, para. 59.

([26]) Ara pereżempju, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/302 tal-24 ta' Frar 2022 li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/492, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/776 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta ("GFF") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ") għall-importazzjonijiet ta' GFF ikkonsenjati mill-Marokk, sew jekk humiex iddikjarati li joriġinaw mill-Marokk jew le, u li jtemm l-investigazzjoni dwar iċ-ċirkomvenzjoni possibbli tal-miżuri antidumping imposti bir-Regolament (UE) 2020/492 fuq l-importazzjonijiet ta' GFF li joriġinaw fl-Eġittu minn importazzjonijiet ta' GFF ikkonsenjati mill-Marokk, sew jekk humiex iddikjarati li joriġinaw mill-Marokk jew le (ĠU L 46, 25.2.2022, p. 49).

([27]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2272/2004 tat-22 ta' Diċembru 2004 li jestendi d-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 769/2002 fuq importazzjonijiet ta' kumarina li toriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' kumarina kkunsinnati mill-Indja jew mit-Tajlandja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Indja jew mit-Tajlandja kif ukoll jekk le (ĠU L 396, 31.12.2004, p. 18), il-premessi 11 u 12.

(122) Il-Kummissjoni nnotat li s-sejbiet isiru fuq bażi ta' każ b'każ, u f'dan il-każ, kif spjegat b'mod estensiv hawn fuq, ingħatat kunsiderazzjoni xierqa dwar jekk setax jintuża s-sett ta' *data* sħiħ jew inkella informazzjoni speċifika biss, dwar jekk l-informazzjoni nieqsa kellhiex impatt sostanzjali fuq l-eżitu tal-investigazzjoni, u dwar jekk il-Kummissjoni setgħetx tasal għal sejba raġonevoli mingħajr l-informazzjoni. Barra minn hekk, il-fatti tal-kawżi msemmija minn Favorit kienu kompletament differenti f'ħafna aspetti. B'mod partikolari, fil-każijiet l-oħra l-mudell tan-negozju tal-kumpaniji kkonċernati kien differenti u ma kien hemm l-ebda problema bin-nuqqas ta' rapporti finanzjarji awditjati. Għalhekk, il-Kummissjoni ma qablitx li minħabba li d-*data* ma ġietx miċħuda kompletament fil-każijiet ta' hawn fuq, kellu jittieħed l-istess approċċ f'dan il-każ. Għalhekk, hija sabet li l-affermazzjoni ma kinitx sostanzjata. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma qablitx li kien hemm evidenza vverifikata li Favorit ma wettqitx ċirkomvenzjoni – in-nuqqas ta' *data* affidabbli u verifikabbli ma ppermettiex lill-kumpanija turi n-nuqqas ta' prattiki ta' ċirkomvenzjoni.

(123) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sejbiet dwar Favorit kellhom ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku u li Favorit ma wrietx li kienet produttriċi li ma kinitx involuta f'attivitajiet ta' ċirkomvenzjoni fis-sens tal-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet it-talba tagħha għal eżenzjoni.

(124) Wara d-divulgazzjoni, Favorit tenniet l-istess affermazzjonijiet. Huwa tenna li kien wera li ma ttrasbordax il-plywood tal-betula Russu, u li l-Kummissjoni aġixxiet bi ksur tal-Ftehim AD u tar-Regolament bażiku. Hija argumentat prinċipalment li kellha kontabbiltà affidabbli, li l-informazzjoni li ssottomettiet kienet verifikabbli, li l-ħażniet tagħha kienu jiddistingwu b'mod ċar il-produzzjoni tagħha stess mill-produzzjoni ta' partijiet terzi, u li kellha sett wieħed biss ta' kontijiet. Hija reġgħet issottomettiet li l-Kummissjoni vverifikat l-informazzjoni kollha.

(125) Favorit argumentat ukoll li l-Kummissjoni naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni d-diffikultajiet li ltaqgħet magħhom bħala kumpanija żgħira, li tinsab f'pajjiż li qed jiżviluppa. Hija tenniet ukoll li l-użu tal-fatti disponibbli kellu effett negattiv fuq Favorit, bi ksur tal-Artikolu 6.8 tal-Ftehim AD.

(126) Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-argumenti kollha mqajma minn Favorit kienu indirizzati diġà fid-dettall fil-premessi (91) sa (122). Peress li ma tressaq l-ebda kumment ġdid dwar is-sustanza, il-konklużjoni fil-premessa (123) ġiet ikkonfermata.

4.1.2. *Sejbiet fir-rigward ta' Semipalatinsk*

(127) Fit-tweġiba għall-kwestjonarju, Semipalatinsk irrappurtat li l-materjal kollu tal-input tal-injam ippressat ma kienx Russu. Madankollu, matul iż-żjara ta' verifika l-Kummissjoni skopriet li l-injam ippressat minn fornitur wieħed kien mir-Russja filwaqt li l-oriġini ma setgħetx tiġi stabbilita għax-xiri li sar mill-akbar fornitur ta' Semipalatinsk. Din l-informazzjoni kienet meħtieġa biex jiġi stabbilit, abbażi tal-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, x'inhu l-perċentwal ikkostitwit minn materjal tal-input ta' oriġini Russa fil-produzzjoni tal-plywood tal-betula u għalhekk kienet meħtieġa biex tiġi vvalutata l-applikazzjoni għal eżenzjoni.

(128) Barra minn hekk, il-kostijiet lavorattivi għall-kalkolu tal-valur miżjud kif meħtieġ mill-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku ma setgħux jiġu stabbiliti mis-servizzi tal-Kummissjoni minħabba li Semipalatinsk ma inkludietx l-impjegati kollha fit-tabella dwar il-kost tal-manifattura peress li dawn tħallsu fi flus kontanti jiġifieri ma kinux preżenti fil-kontijiet uffiċjali.

(129) Barra minn hekk, Semipalatinsk ma pprovdietx tweġibiet kompluti fil-ħin għall-kwestjonarju għall-kumpaniji relatati tagħha RKD LLP u RKD Latvia. Is-sottomissjoni tat-tweġibiet għall-kwestjonarju ta' dawn il-kumpaniji relatati ntalbet kemm fil-kwestjonarju u fl-ittri ta' nuqqasijiet sussegwenti kif ukoll permezz ta'email fis-27 ta' Novembru 2023, qabel iż-żjara ta' verifika. Matul iż-żjara ta' verifika, Semipalatinsk issottomettiet biss *data* parzjali għal RKD LLP filwaqt li ġiet sottomessa xi *data* parzjali għal RKD Latvia wara ż-żjara ta' verifika. Fiż-żewġ każijiet, is-sottomissjoni mhux f'waqtha tad-*data* dwar il-kumpaniji relatati tagħha pprevjeniet lill-uffiċjali tal-Kummissjoni milli jagħmlu verifika sħiħa u xierqa fuq il-post.

(130) Minbarra dan ta' hawn fuq, fl-aħħar jum taż-żjara ta' verifika, l-uffiċjali tal-Kummissjoni ma setgħux iwettqu l-kontrolli finali bħall-verifika tal-kuntatti mal-fornituri, il-klijenti u l-kumpaniji relatati.

(131) Għalkemm intalbet, Semipalatinsk ma pprovdietx lis-servizzi tal-Kummissjoni b'ħarsa ġenerali komprensiva tal-komunikazzjonijiet mal-fornitur prinċipali tagħha. Kont tal-posta elettronika speċifiku li ntuża għall-komunikazzjoni mal-forniturі u l-klijenti ta' Semipalatinsk ma ġiex żvelat matul iż-żjara ta' verifika. Madankollu, l-uffiċjali tal-Kummissjoni sabu komunikazzjonijiet li jitfgħu dubji fuq l-affidabbiltà tal-affermazzjonijiet ta' Semipalatinsk dwar ir-rabtiet u r-relazzjonijiet kummerċjali tagħha.

(132) L-investigazzjoni żvelat li l-imħażen ta' RKD LLP u Semipalatinsk kienu fl-istess bini. It-tikkettar tal-prodotti kien manwali, u t-tikketti tagħha ma kienx fihom informazzjoni dwar l-identifikazzjoni tal-lott u lanqas QR/bar code li jippermettu t-traċċar lura għall-produzzjoni. Barra minn hekk, ħdejn il-maħżen ta' Semipalatinsk kien hemm imħażen u spazju ta' ħżin estern għall-plywood tal-betula Russu mixtri minn RKD LLP għall-bejgħ mill-ġdid. Għalhekk, l-uffiċjali tal-Kummissjoni ma setgħux jiksbu l-assigurazzjoni meħtieġa dwar l-attivitajiet ta' RKD LLP fil-moviment tal-plywood tal-betula Russu kkummerċjalizzat. Barra minn hekk, f'maħżen ieħor il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika l-movimenti tal-merkanzija peress li ma kienx hemm dokumenti ta' sostenn jew sistemi tal-IT stabbiliti fuq il-post.

(133) Matul iż-żjara ta' verifika, Semipalatinsk spjegat li l-Każakistan ma għandux biżżejjed injam tal-betula biex il-produzzjoni tal-plywood tal-betula kollha fil-Każakistan tkun ekonomikament vijabbli. Għalhekk, Semipalatinsk kienet qed tixtri "injam ippressat fil-forma ta' qatgħat" Russu bħala materjali tal-input filwaqt li ddaħħal bħala saff ta' fuq il-fuljetti tal-betula prodotti minnha stess minn zkuk tal-Każakistan. Dan il-materjal tal-input kien il-materjal tal-input prinċipali matul il-PI. Madankollu, il-Kummissjoni ma setgħet tintraċċa l-ebda stokk ta' dan il-materjal tal-input. Semipalatinsk sostniet li matul iż-żjarat ta' verifika ma kien hemm l-ebda ordni ġdida u għalhekk l-ebda stokk tal-materjali tal-input fl-imħażen. Madankollu, dan ikkontradixxa d-dikjarazzjonijiet ta' Semipalatinsk dwar l-importanza tal-materjal tal-input speċifiku fil-mudell tan-negozju tagħhom.

(134) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni infurmat lil Semipalatinsk bl-intenzjoni tagħha li tapplika l-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku u li tibbaża s-sejbiet tagħha fuq l-aħjar fatti disponibbli skont it-tifsira ta' dan l-Artikolu.

(135) Bi tweġiba għall-ittra tal-Artikolu 18, Semipalatinsk sostniet li l-akkwist ta' qatgħat tal-injam ippressat bħala materjal tal-input twettaq permezz tal-forniturі Każakistani u li ma kien hemm l-ebda obbligu legali fuqhom biex jipprovdu dokumentazzjoni dwar l-oriġini. Barra minn hekk, Semipalatinsk enfasizzat li l-informazzjoni dwar l-oriġini tal-materjal tal-input ma ntalbitx qabel mill-Kummissjoni u li l-ipproċessar ulterjuri ta' dan il-materjal tal-input kien jammonta għall-valur miżjud għall-kostijiet tal-manifattura ta' 47 % biex jinkiseb il-prodott finali.

(136) Semipalatinsk sostniet li matul iż-żjara ta' verifika hija żvelat il-kuntatti li kienu saru ma' wieħed mill-forniturі tagħha. Barra minn hekk, il-kumpanija sostniet li t-tabelli tal-kwestjonarju pprovdew informazzjoni affidabbli u inkludew l-impjegati kollha inklużi dawk li jitħallsu fi flus kontanti. Barra minn hekk, Semipalatinsk argumentat li kienet ipprovdiet biżżejjed informazzjoni dwar il-kumpaniji relatati RKD LLP u RKD Latvia. Fl-aħħar nett, Semipalatinsk sostniet li RKD LLP u Semipalatinsk għandhom imħażen differenti peress li għandhom impjegati differenti u ftehimiet ta' kiri u faċilitajiet ta' tagħbija separati.

(137) Il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjonijiet ta' hawn fuq. L-oriġini tal-materjali tal-input intalbet mill-Kummissjoni kemm fil-kwestjonarju kif ukoll fl-ittri ta' nuqqasijiet li ntbagħtu sussegwentement. Għalkemm Semipalatinsk għamlet sforz biex issib prova tal-oriġini tal-materjal tal-input, il-Kummissjoni ma setgħetx tikseb informazzjoni f'waqtha u affidabbli dwar l-oriġini għall-biċċa l-kbira tal-proporzjon tal-materjal tal-input. Barra minn hekk, l-uffiċjali tal-Kummissjoni kkalkulaw mill-ġdid il-valur miżjud mal-partijiet miġjuba, matul l-operazzjoni ta' assemblaġġ jew ta' kompletazzjoni, u kien inqas minn 1 % tal-kost tal-manifattura.

(138) Il-Kummissjoni ċaħdet ukoll l-affermazzjoni li matul iż-żjara ta' verifika ġiet infurmata dwar il-kont tal-posta elettronika li minnu saru l-komunikazzjonijiet ma' ċerti forniturі. Semipalatinsk informat lill-uffiċjali tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' dan il-kont tal-posta elettronika biss fi tmiem iż-żjara ta' verifika. Għalhekk, il-kontrolli meħtieġa ma setgħux jitwettqu, minbarra n-nuqqas ta' disponibbiltà tal-persunal tal-IT biex jissolvew il-problemi tekniċi li nqalgħu fi tmiem iż-żjara ta' verifika.

(139) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjonijiet ta' Semipalatinsk li hija ssottomettiet il-kwestjonarji għal RKD LLP u RKD Latvia f'waqthom u b'mod komplut. Dwar tal-ewwel, Semipalatinsk issottomettiet xi *data* frammentata matul iż-żjara ta' verifika, u dwar tal-aħħar ippreżentat xi *data* frammentata wara ż-żjara ta' verifika. Din ma kinitx f'waqtha u ma kinitx kompluta, u kien tard wisq biex din l-informazzjoni tiġi vverifikata. Il-fatt li RKD Latvia kellha wkoll partijiet ikkonċernati mhux relatati oħra ma kienx rilevanti, minħabba li RKD Latvia kienet kumpanija relatata u, għalhekk, kellha tipprovdi l-informazzjoni mitluba. Fis-27 ta' Novembru 2023, jiġifieri ġimgħa qabel il-bidu taż-żjara ta' verifika, fl-hekk imsejħa ittra ta' qabel il-verifika, il-Kummissjoni infurmat lil Semipalatinsk li hija ma setgħetx tissottometti informazzjoni ġdida matul iż-żjara ta' verifika. F'din l-ittra, ġie spjegat ukoll li kwalunkwe bidla fid-data rrappurtata tagħha, li tiġi pprovduta wara din id-data tista' twassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18. Il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni li Semipalatinsk ipprovdiet informazzjoni affidabbli dwar il-kostijiet lavorattivi. Għalkemm il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-kostijiet lavorattivi rrappurtati pprovduti fit-tabella "Anness 2 - Talba għal informazzjoni dwar il-konsum tal-kostijiet" kienu jinkludu l-impjegati kollha, minħabba li parti minnhom kienet ibbażata fuq il-flus kontanti, ma kienx possibbli li jiġu vverifikati l-kostijiet lavorattivi fil-kontijiet finanzjarji ta' Semipalatinsk.

(140) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni ċaħdet bħala immaterjali l-affermazzjonijiet ta' Semipalatinsk li ż-żewġ kumpaniji għandhom imħażen u impjegati differenti. Il-Kummissjoni tenniet li, għalkemm l-imħażen taż-żewġ kumpaniji jista' jkollhom ftehimiet ta' kiri, faċilitajiet ta' tagħbija u impjegati separati, hija ma setgħetx tikseb l-assigurazzjoni meħtieġa dwar l-attivitajiet ta' RKD LLP fil-moviment tal-plywood tal-betula Russu kkumerċjalizzat.

(141) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li Semipalatinsk ma wrietx li kienet produttriċi li ma kinitx involuta f'attivitajiet ta' ċirkomvenzjoni fis-sens tal-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, u li għalhekk, is-sejbiet fir-rigward ta' Semipalatinsk kellhom ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku li fisser l-applikazzjoni tas-sejbiet ta' ċirkomvenzjoni fil-pajjiż kollu. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet it-talba tagħha għal eżenzjoni.

(142) Wara d-divulgazzjoni, Semipalatinsk affermat li l-impjant tal-produzzjoni tagħha kien ilu jopera mill-2012, li kien qabel il-bidu tal-investigazzjoni anti-dumping oriġinali fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula mir-Russja. Semipalatinsk affermat ukoll li wriet livell għoli ta' kooperazzjoni mal-Kummissjoni matul l-investigazzjoni, u li l-konklużjoni tal-Kummissjoni li mhumiex produttur ġenwin tal-plywood tal-betula kienet żbaljata u mhux vera.

(143) Il-Kummissjoni qieset li l-allegata data tal-bidu tal-produzzjoni ma affettwatx is-sejbiet tal-investigazzjoni fir-rigward ta' Semipalatinsk. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rrikonoxxiet li kien hemm xi kooperazzjoni mill-persunal ta' Semipalatinsk matul l-investigazzjoni kif ukoll matul il-verifika, madankollu l-kumpanija ma pprovdietx l-informazzjoni meħtieġa fil-limiti ta' żmien previsti fir-Regolament bażiku. Għalhekk, Semipalatinsk instabet li ma wrietx li kienet produttur ġenwin li ma kienx involut fil-prattika stabbilita ta' evażjoni.

(144) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li fis-sottomissjoni tagħha wara d-divulgazzjoni, Semipalatinsk ma ssottomettiet l-ebda affermazzjoni sostanzjata ġdida u li l-argumenti kollha mqajma minn Semipalatinsk ġew indirizzati fid-dettall fil-premessi (135) sa (140) hawn fuq.

(145) Peress li ma tressaq l-ebda kumment ġdid dwar is-sustanza, il-konklużjoni stabbilita fil-premessa (141) hawn fuq ġiet ikkonfermata.

4.1.3. *Sejbiet fir-rigward ta' Severnyi Fanernyi Kombinat LLP*

(146) Fiż-żjara ta' verifika f'Severnyi Fanernyi Kombinat LLP u l-kumpaniji relatati tagħha ("SFK"), il-Kummissjoni sabet li SFK ma rrappurtatx il-kumpanija relatata tagħha fir-Russja. Il-kumpanija ġiet irrappurtata bħala fornitur mhux relatat taz-zkuk. Għalhekk SFK ma pprovdietx tweġiba għall-kwestjonarju dwar din il-kumpanija. Matul iż-żjara ta' verifika, il-Kummissjoni sabet ukoll li għadd ta' tranżazzjonijiet magħżula bħala kampjun għal verifika dettaljata, SFK irrapportat ħażin l-oriġini taz-zkuk Russi (bħala Kazakh) ([28]). Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni qieset li SFK impediet b'mod sinifikanti l-investigazzjoni billi pprovdiet informazzjoni falza u qarrieqa. Barra minn hekk, u peress li l-informazzjoni kellha tintuża biex jiġi stabbilit il-perċentwal tal-materjal tal-input mixtri fir-Russja u biex jiġi kkalkolat il-valur miżjud, il-Kummissjoni qieset li ma setgħetx tuża d-*data* ta' SFK biex tistabbilixxi li hija ma kinitx involuta fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni. Fuq din il-bażi, is-servizzi tal-Kummissjoni infurmaw lil SFK li hija kellha l-ħsieb li tinjora d-*data* tagħha u li tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(147) SFK ma qablitx. Hija argumentat li l-Kummissjoni kellha tikkunsidra l-isforz ġenerali kbir li SFK għamlet f'termini ta' kooperazzjoni, il-fatt li kienet impjegatur ewlieni fir-reġjun tagħha u l-fatt li kienet topera f'pajjiż li qed jiżviluppa. SFK enfasizzat ukoll l-isforzi tagħha biex tħejji tweġiba dettaljata għall-kwestjonarju, minkejja l-persunal limitat tagħha u l-ebda dikjarazzjoni finanzjarja awditjata, u rreferiet għall-informazzjoni u r-rikonċiljazzjonijiet kollha li kienet ipprovdiet. Barra minn hekk, SFK argumentat li l-Kummissjoni kienet esaġerat ħafna meta allegat li n-nuqqas ta' żvelar tar-relazzjoni mal-kumpanija relatata tagħha fir-Russja u d-dikjarazzjoni ħażina tal-oriġini ta' waħda mit-tranżazzjonijiet inklużi fil-kampjun kienu jfissru li SFK ipprovdiet informazzjoni falza jew qarrieqa u xekklet b'mod sinifikanti l-investigazzjoni. Hija qieset li l-Kummissjoni kienet legalment u fattwalment żbaljata, kisret l-obbligi tad-WTO tal-UE, kienet diskriminatorja u injorat ix-xogħol iebes tal-membri tal-persunal tal-Grupp SFK. SFK qieset ukoll li matul ir-rikonċiljazzjonijiet differenti, u kif ivverifikat mill-Kummissjoni matul il-verifika fuq il-post, hija wriet li ma kienet involuta fl-ebda prattika ta' ċirkomvenzjoni.

(148) SFK qieset li l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tinjora d-*data* kollha ta' SFK kienet manifestament kuntrarja għall-Artikolu 6.8. u l-paragrafu 3 tal-Anness II għall-Ftehim AD. Hija rreferiet għar-rapport tal-Korp tal-Appell f'US — Hot-Rolled Steel ([29]), li speċifika li skont il-paragrafu 3 tal-Anness II, l-awtoritajiet investigattivi huma diretti biex jużaw l-informazzjoni jekk jiġu ssodisfati tliet kundizzjonijiet, jiġifieri li tali informazzjoni tkun verifikabbli, sottomessa b'mod xieraq sabiex tkun tista' tintuża fl-investigazzjoni mingħajr diffikultajiet żejda, u tiġi pprovduta fil-ħin. Hija argumentat li jekk dawn il-kundizzjonijiet ġew issodisfati, l-awtoritajiet investigattivi ma kinux intitolati li jiċħdu l-informazzjoni sottomessa, meta jkunu qed jagħmlu d-determinazzjoni. Fl-opinjoni tagħha, tali kundizzjonijiet ġew issodisfati f'din l-investigazzjoni peress li l-Kummissjoni vverifikat kull dokument ippreżentat fil-ħin li jindika n-nuqqas ta' ċirkomvenzjoni. SFK qieset li l-Kummissjoni wettqet l-analiżi tagħha tad-data ppreżentata minn SFK f'ordni żbaljat, u rreferiet għad-dazji antidumping u kumpensatorji tal-Istati Uniti (il-Korea) ([30]). L-ordni korretta tkun qed tikkunsidra l-ewwel nett l-informazzjoni b'risposta diretta lill-Kummissjoni, u peress li l-informazzjoni pprovduta kienet tissodisfa l-kriterji skont il-paragrafu 3 tal-Anness II tal-Ftehim Antidumping tad-AD, il-Kummissjoni kellha għalhekk l-informazzjoni kollha meħtieġa biex taċċetta t-talba għal eżenzjoni ta' SFK.

([28]) L-informazzjoni dettaljata dwar id-diskrepanzi ġiet spjegata fil-verżjoni sensittiva tal-ittra tal-Artikolu 18.

([29]) Ir-rapport tal-Korp tal-Appell, l-Istati Uniti — Anti-Dumping Measures on Certain Hot-Rolled Steel Products from Japan, WT/DS184/AB/R, il-paragrafu 80.

([30]) Ir-rapport tal-Bord, l-Istati Uniti — Anti-Dumping and Countervailing Duties, il-paragrafu 7.138.

(149) Il-Kummissjoni ma qablitx. Għall-kuntrarju tal-allegazzjonijiet minn SFK, hija qieset li n-nuqqas ta' rappurtar ta' kumpanija relatata fir-Russja u r-rappurtar ħażin tal-oriġini ta' zkuk mixtrija fixklu serjament l-investigazzjoni. Fil-PR, SFK xtrat zkuk, fuljetta u reżina tal-betula, kif ukoll plywood tal-betula fir-Russja. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni kellha tiddetermina l-perċentwal eżatt tal-materjal tal-input mir-Russja sabiex tistabbilixxi jekk il-partijiet Russi jikkostitwixxux 60 % jew aktar tal-valur totali tal-partijiet tal-prodott assemblat u jekk il-valur miżjud tal-partijiet miġjuba kienx aktar minn 25 % tal-kost tal-manifattura. L-informazzjoni dwar il-valur u l-oriġini tal-materjal tal-input għalhekk kellha impatt dirett fuq il-valutazzjoni tat-talba għal eżenzjoni. Minħabba li t-tweġiba għall-kwestjonarju tal-kumpanija Russa relatata ma setgħetx tiġi vverifikata, u minħabba li l-kontijiet ta' SFK mal-kumpanija relatata wrew tranżazzjonijiet finanzjarji lil hinn mix-xiri taz-zkuk (li l-kumpanija spjegat bħala "pagamenti bil-quddiem"), il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika l-kwantitajiet u l-valuri taz-zkuk, u jekk inxtarax materjal ieħor tal-input jew il-prodott ikkonċernat. Peress li t-tweġiba għall-kwestjonarju tal-kumpanija relatata ma ġietx sottomessa meta ntalbet fil-bidu tal-investigazzjoni iżda ġiet sottomessa biss fl-aħħar nett taż-żjara ta' verifika, il-Kummissjoni qieset li l-informazzjoni dwar il-flussi finanzjarji u tal-merkanzija bejn SFK u l-kumpanija relatata Russa tagħha ma setgħetx tiġi vverifikata. Għalhekk, ma setax jiġi argumentat li ġiet sottomessa b'mod xieraq, fil-ħin, u li l-informazzjoni kienet verifikabbli. Għalhekk, il-kundizzjonijiet taħt il-paragrafu 3 tal-Anness II għall-Ftehim AD ma ġewx issodisfati.

(150) SFK qieset ukoll li l-Kummissjoni ma setgħetx tinjora l-informazzjoni kollha pprovduta minn SFK. Hija rreferiet għall-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku li jistipula li "fejn jinstab li parti interessata tkun forniet informazzjoni falza jew qarrieqa, dik l-informazzjoni għandha tiġi injorata u jista' jsir użu mill-fatti disponibbli". Fuq dik il-bażi, hija qieset li l-Kummissjoni setgħet tipproċedi fl-investigazzjoni tagħha billi tapplika l-fatti disponibbli f'dan ir-rigward u hekk tittratta l-kumpanija Russa bħala kumpanija relatata, u z-zkuk li ġew iddikjarati b'mod żbaljat bħala li ġejjin mir-Russja. Hija argumentat li dawn il-fatti disponibbli madankollu ma kellhom ebda effett fuq id-*data* li SFK issottomettiet mod ieħor matul l-investigazzjoni, li wriet nuqqas ta' kwalunkwe prattika ta' ċirkomvenzjoni. SFK qieset ukoll li l-Kummissjoni ma kellhiex bżonn il-pajjiż minn fejn jiġu l-partijiet għall-kalkolu tal-valur miżjud. Hija qieset li ma kienx rilevanti jekk il-fornitur kienx relatat jew le, peress li anki jekk il-prezzijiet tat-trasferiment għal input kellhom jiġu aġġustati, dan jaffettwa bl-istess mod il-kost totali tal-manifattura, b'tali mod li l-valur miżjud jibqa' l-istess. Għalhekk, l-ittra tal-Artikolu 18 kienet ibbażata fuq żball manifest ta' valutazzjoni u tmur kontra l-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku.

(151) Il-Kummissjoni ma qablitx li fil-każ inkwistjoni l-unika konsegwenza għall-għoti ta' informazzjoni falza u qarrieqa għandha tkun li l-kumpanija Russa tiġi ttrattata bħala kumpanija relatata, u li z-zkuk minn tranżazzjoni kampjun li ġew iddikjarati b'mod żbaljat jitqiesu bħala li ġejjin mir-Russja. L-informazzjoni falza dwar iz-zkuk u l-fatt li l-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika l-fornitur relatat Russu wasslu biex is-sett kollu tad-*data* ta' SFK ma jkunx affidabbli. SFK iddikjarat li xtrat bejn [6-10 %] mingħand il-fornitur Russu relatat. Il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika l-kwantitajiet taz-zkuk u li SFK xtrat biss zkuk mill-kumpanija u mhux il-prodott ikkonċernat direttament. Il-Kummissjoni nnotat li SFK kellha, fi tmiem l-2023, dejn pendenti mal-kumpanija Russa, li kien ekwivalenti għal nofs il-fatturat li kellha ma' din il-kumpanija. Barra minn hekk, matul il-PR SFK xtrat il-prodott ikkonċernat mir-Russja, li inizjalment kien iddikjarat lill-Kummissjoni bħala "oġġetti mhux kompleti". Għalhekk, il-fatt li SFK ma pprovdietx it-tweġiba għall-kwestjonarju lill-Kummissjoni affettwa direttament l-eżitu tal-investigazzjoni.

(152) Barra minn hekk, il-perċentwal eżatt tal-materjal tal-input fil-kostijiet tal-manifattura kien rilevanti mhux biss biex jiġi stabbilit il-perċentwal tal-materjal tal-input mir-Russja (it-test ta' 60 %) iżda kien applikat ukoll fuq il-valur miżjud (it-test ta' 25 %). L-allegazzjonijiet ta' SFK li l-valur miżjud ikun l-istess anki jekk 100 % tal-materjal tal-input ikun ġej mir-Russja għalhekk ma kinux korretti.

(153) Barra minn hekk, SFK sostniet li anki jekk wieħed jassumi li l-kooperazzjoni ta' SFK mal-investigazzjoni tista' titqies bħala inqas minn ideali, il-Kummissjoni kienet obbligata tikkonforma mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament bażiku li jiddikjara li "[f]ejn l-informazzjoni ppreżentata minn parti interessata ma tkunx ideali f'kull rispett, din ma għandhiex madanakollu tiġi injorata, sakemm kwalunkwe deficenza ma tkunx tali li tikkawża diffikultà mhux dovuta sabiex issir konklużjoni raġonevolment preċiża u sakemm l-informazzjoni tiġi ppreżentata b'mod adegwat f'qasir żmien u tkun verifikabbli, u li l-parti tkun aġixxiet bl-aħjar mod li tista". SFK qieset li ż-żewġ punti mqajma mill-Kummissjoni rigward il-preċiżjoni tal-informazzjoni dwar l-istruttura korporattiva u l-oriġini taz-zkuk ma kinux ta' natura li jikkawżaw diffikultà żejda sabiex wieħed jasal għal sejbiet raġonevolment preċiżi dwar in-nuqqas ta' ċirkomvenzjoni permezz ta' operazzjonijiet ta' trażbord jew ta' assemblaġġ/kompletazzjoni. Għalhekk, SFK argumentat li l-informazzjoni ġiet sottomessa fi żmien xieraq, ġiet ivverifikata u kienet tirrifletti l-kapaċità ta' SFK li tikkoopera, u għalhekk ma għandhiex tiġi injorata.

(154) Il-Kummissjoni tenniet li l-informazzjoni li ġiet iddikjarata ħażin u l-fatt li l-kwestjonarju tal-kumpanija relatata Russa ma ġiex sottomess qabel iż-żjara ta' verifika kienu kwistjonijiet li b'mod sinifikanti ma ħallewx lill-Kummissjoni tasal għal sejba raġonevolment preċiża. Id-dikjarazzjoni ħażina kellha impatt serju fuq l-investigazzjoni u, bħala konsegwenza, id-*data* ta' SFK ma setgħetx tintuża. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni.

(155) SFK argumentat li kienet SFK li l-ewwel żvelat lill-Kummissjoni l-eżistenza ta' affiljazzjoni mal-kumpanija relatata Russa, u li ma kinitx il-Kummissjoni li qajmet dan il-fatt. Hija argumentat li xejn fir-rekords ma jissuġġerixxi li l-Kummissjoni kienet taf bil-kumpanija relatata Russa bħala affiljata, u kif deskritt fir-rapport tal-missjoni, il-Kummissjoni staqsiet lil SFK jekk kellhiex affiljati fir-Russja. U SFK spjegat li kellha entità affiljata fir-Russja li xtrat iz-zkuk u forniethom lil SFK. SFK irrepetiet l-istess argument wara d-divulgazzjoni. Hija qieset li l-Kummissjoni interpretat il-fatti b'mod żbaljat. SFK tenniet li kienet l-ewwel waħda li ressqet l-informazzjoni dwar il-kumpanija Russa pprovdiet l-informazzjoni dwar il-kumpanija relatata, u li ma ċaħditx l-eżistenza tagħha.

(156) Skont SFK, il-fatt li l-proprjetarju semma li l-kumpanija Russa kienet kumpanija passiva u li SFK ma xtratx zkuk wara l-2020 kien żball li allegatament seta' jinftiehem, peress li ma kienx hu li ħejja t-tabelli, u l-persuna li ħejjiet it-tabelli ma kinitx taf dwar ir-relazzjoni, kif ukoll minħabba li x-xiri taz-zkuk mill-kumpanija Russa kien jikkostitwixxi biss bejn [6-10 %] tax-xiri kollu taz-zkuk fil-PR. SFK argumentat li ma kellhiex biżżejjed persunal u l-persunal kollu aġixxa bl-aħjar mod li seta', u dak li essenzjalment huwa żball klerikali ma setax jiġi kklassifikat bħala informazzjoni falza u qarrieqa. L-ommissjoni tal-kumpanija Russa fit-tabelli korporattivi u d-dežinjazzjoni tagħha bħala mhux relatata fit-tabelli tax-xiri taz-zkuk ma kinitx intenzjonata u kienet sempliċiment nuqqas ta' ftehim jew żball klerikali. SFK irrepetiet l-istess argument wara d-divulgazzjoni. Il-Kummissjoni ma qablitx li kienet SFK li ressqet l-informazzjoni dwar l-eżistenza tal-kumpanija Russa mhux irrappurtata. Għall-kuntrarju, kienet il-Kummissjoni li kkonfrontat lill-kumpanija bl-informazzjoni li sabet fir-rigward tal-kumpanija relatata fir-Russja, negozjant fi prodotti tal-injam li tbigħ, fost l-oħrajn, zkuk tal-betula, li SFK inizjalment ċaħdet. Ladarba rrikonoxxiet ir-relazzjoni, inizjalment SFK iddikjarat li din il-kumpanija kienet "passiva" u li għalhekk kienet waqfet tixtri zkuk mingħand din il-kumpanija żmien twil ilu. Madankollu, l-investigazzjoni żvelat li din il-kumpanija relatata fir-Russja kienet fornitur importanti ta' SFK ta' zkuk fil-PR, u għalhekk, dan ikkontradixxa l-ispjegazzjonijiet mill-kumpanija li ma kien hemm l-ebda xiri ta' zkuk wara l-2020. Il-kumpanija mbagħad ammettiet li l-aħħar tranżazzjoni li kellha ma' din il-kumpanija relatata saret f'April 2023. Għalhekk, ma kinitx SFK li pprovdiet l-informazzjoni. Barra minn hekk, hija qieset li d-dikjarazzjoni ħażina tal-kumpanija bħala mhux relatata ma setgħetx tkun żball klerikali minn persuna li qed timla t-tabelli, peress li l-mistoqsija saret lill-proprjetarju ta' SFK li fl-istess ħin kien 100 % proprjetarju tal-kumpanija Russa, u li fl-aħħar irrikonoxxa l-eżistenza tagħha. Għalhekk, il-Kummissjoni ma qablitx li kien biss żball klerikali jew ommissjoni mill-persuna li kienet qed timla t-tabelli.

(157) SFK qieset ukoll li kien skorrett li jiġi allegat li t-tweġiba għall-kwestjonarju dwar il-kumpanija Russa ma setgħetx tiġi vverifikata, u li l-Kummissjoni għamlet żball legali meta ssuġġeriet li l-informazzjoni pprovduta matul il-verifika fuq il-post ma setgħetx tiġi aċċettata awtomatikament. SFK sostniet ukoll li t-tweġiba għall-kwestjonarju ġiet sottomessa fil-ħin, kienet u baqgħet verifikabbli u setgħet tiġi kontroverifikata permezz tat-tabella tax-xiri ta' SFK. Għalhekk, hija sostniet li t-tweġiba għall-kwestjonarju kienet verifikabbli u setgħet tiġi vverifikata, peress li ġiet sottomessa fl-aħħar lejl qabel l-aħħar jum ta' verifika. Il-kwestjonarju baqa' wkoll verifikabbli mingħajr il-ħtieġa tal-verifika attwali.

(158) Wara d-divulgazzjoni, SFK tenniet l-istess argument. Hija argumentat li t-tweġiba għall-kwestjonarju ma ġietx sottomessa b'mod mhux f'waqtu, u li, peress li kienet parti mill-eżibiti, għandha tiġi kkunsidrata mill-Kummissjoni kollha kemm hi. Hija argumentat ukoll li s-sottomissjoni ta' kwestjonarju matul il-verifika tqieset ukoll bħala f'waqtha minn bord tad-WTO fil-*US – Anti-Dumping and Countervailing Duties (Korea)* ([31]) li jsemmi li l-kwestjonarju ġie pprovdut ukoll "fl-iskadenzi stabbiliti mill-USDOC, jew fuq talba tal-USDOC mal-verifika." Wara d-divulgazzjoni, SFK argumentat ukoll li t-tweġiba għall-kwestjonarju ġiet ipprovduta fil-ħin u kienet verifikabbli. Hija rreferiet għar-Rapport tal-Korp tal-Appell fl-Istati Uniti — Anti-Dumping Measures on Certain Hot-Rolled Steel Products from Japan li jiddikjara li: "Meta jikkunsidraw jekk l-informazzjoni tiġix sottomessa f'perjodu ta' żmien raġonevoli, l-awtoritajiet investigattivi għandhom jikkunsidraw, fil-kuntest ta' każ partikolari, fatturi bħal: (i) in-natura u l-kwantità tal-informazzjoni sottomessa; (ii)) id-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom esportatur investigat fil-kisba tal-informazzjoni; (iii) il-verifikabbiltà tal-informazzjoni u l-faċilità li biha tista' tintuża mill-awtoritajiet investigattivi biex jagħmlu d-determinazzjoni tagħhom; (iv) jekk huwiex probabbli li partijiet interessati oħra jiġu ppreġudikati jekk tintuża l-informazzjoni; (v) jekk l-aċċettazzjoni tal-informazzjoni tikkompromettix il-kapaċità tal-awtoritajiet investigattivi li jwettqu l-investigazzjoni malajr; u (vi) in-numru ta' jiem li fihom l-esportatur investigat ma laħaqx il-limitu ta' żmien applikabbli ([32])." SFK qieset li fil-każ tal-kumpanija relatata tagħha, dawn il-kriterji ġew issodisfati. Hija argumentat, fost l-oħrajn, li pprovdiet it-tweġiba għall-kwestjonarju jumejn wara li ġiet avżata dwar il-kwistjoni.

(159) Il-Kummissjoni ma qablitx. L-ippjanar tal-verifika kien ibbażat fuq l-għadd ta' kumpaniji li kellha tivverifika, u kien ibbażat ukoll fuq l-informazzjoni li l-kumpaniji ssottomettew bil-quddiem. L-informazzjoni li l-kumpaniji ma setgħux jissottomettu informazzjoni ġdida matul il-verifika u li l-kumpanija setgħet tikkoreġi biss żbalji klerikali mhux iktar minn tard minn ġimgħa qabel il-bidu tal-verifika ġiet ikkomunikata lil SFK fl-hekk imsejħa ittra ta' qabel il-verifika. Fl-istess ħin, l-ittra infurmat lill-kumpaniji li kwalunkwe bidla fit-tweġiba għall-kwestjonarji, li tiġi pprovduta wara d-data tista' twassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 18. L-eżistenza ta' kumpanija relatata Russa ġiet żvelata biss fil-bidu tal-verifika u ma setgħetx titqies bħala żball klerikali iżda fatt importanti li kellu impatt importanti fuq l-investigazzjoni. Il-fatt li ma ġietx irrappurtata impedixxa lill-Kummissjoni milli tivverifika l-kompletezza tat-tweġiba.

(160) Il-Kummissjoni ma qablitx ukoll li t-tweġiba għall-kwestjonarju setgħet tiġi vverifikata minħabba li ġiet sottomessa b'mod elettroniku wara l-verifika ta' SFK. Il-jum li jmiss (u l-aħħar) tal-verifika tal-Grupp SFK kien il-verifika fuq il-post tan-negozjant domestiku relatat ta' SFK, u li kieku l-Kummissjoni kellha tivverifika mill-bogħod il-kumpanija relatata Russa, kien ikollha taqbeż kompletament jew parzjalment il-verifika tan-negozjant relatat. Il-Kummissjoni għalhekk ma qablitx li setgħet tivverifika t-tweġiba għall-kwestjonarju, u li minħabba li kienet imsemmija bħala esibt, dan kien ifisser li kienet ġiet ivverifikata. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li s-sejbiet fir-Rapport tal-Bord iċċitat, US – Anti-Dumping and Countervailing Duties (il-Korea), li skontu tweġiba għall-kwestjonarju sottomessa fuq talba tal-awtorità investigattiva matul il-verifika tista' tiġi aċċettata, mhumiex pertinenti fil-każ inkwistjoni. Kif innotat fil-premessa (159) hawn fuq, il-Kummissjoni infurmat lill SFK bil-fatt li matul il-verifika ma

([31]) Ir-rapport tal-Bord, l-Istati Uniti — *Anti-Dumping and Countervailing Duties (Korea)*, il-paragrafu 7.138.

([32]) Ir-rapport tal-Korp tal-Appell, l-Istati Uniti — *Anti-Dumping Measures on Certain Hot-Rolled Steel Products from Japan*, WT/DS184/AB/R, adottat fit-23 ta' Awwissu 2001, DSR 2001: X„ para.85.

setgħetx taċċetta bidliet sostanzjali fl-informazzjoni sottomessa qabel. Fi kwalunkwe każ, it-tweġiba għall-kwestjonarju tal-kumpanija relatata ma ġietx sottomessa matul il-verifika iżda ġiet ipprovduta bħala wirja flimkien ma' esibizzjonijiet oħra fl-għeluq tal-verifika. Il-Kummissjoni fakkret li dan it-tip ta' kwestjonarji ta' kumpaniji relatati kien diġà mitlub fil-bidu u kellu jiġi pprovdut fi żmien 37-il jum wara l-bidu, jiġifieri sa mhux aktar tard mill-5 ta' Ottubru 2023. Għalhekk, ma ngħatax jumejn tard, kif iddikjarat minn SFK, iżda xahrejn tard fil-kuntest ta' investigazzjoni li hija limitata fiż-żmien għal 9-il xahar.

(161) Fir-rigward tar-Rapport tal-Korp tal-Appell imsemmi hawn fuq, United States – Anti-Dumping Measures on Certain Hot-Rolled Steel Products from Japan, il-Kummissjoni rreferiet għall-ispjegazzjonijiet dettaljati tagħha fil-premessa (149) dwar għaliex l-informazzjoni dwar kumpanija relatata fil-pajjiż soġġett għall-miżuri, jiġifieri r-Russja li pprovdiet materjal ta' input lil SFK fil-Każakistan, hija, min-natura tagħha, kruċjali biex jiġi vverifikat jekk SFK kinitx involuta jew le fil-prattiki ta' ċirkomvenzjoni.

(162) SFK argumentat ukoll li t-tranżazzjonijiet finanzjarji fil-PR bejn SFK u l-kumpanija relatata Russa kienu iżgħar minn dak li allegat il-Kummissjoni, u li dawn kienu jagħmlu sens perfett. Hija sostniet li kienet kumpanija passiva li kienet ikkonfermata minn informazzjoni rrappurtata f'diversi tabelli u minħabba li l-aħħar tranżazzjoni saret f'April 2023.

(163) Il-Kummissjoni qieset li l-argument li l-kumpanija kienet passiva ma kienx sostnut mill-fatti. Għalkemm SFK sostniet li ma kellhiex aktar negozju mal-kumpanija, u li l-aħħar xiri sar f'April 2023, il-kontijiet riċevibbli ta' SFK urew dejn pendenti sinifikanti ma' dik il-kumpanija li, f'termini ta' valur, kien sinifikanti, meta mqabbel mal-valur tax-xiri taz-zkuk fil-PI. Peress li SFK spjegat li dawn kienu pagamenti bil-quddiem għall-materjal tal-input li kellu jiġi kkonsenjat, hija kkontradixxiet l-affermazzjoni li hija waqqfet in-negozju ma' din il-kumpanija.

(164) Fir-rigward taz-zkuk, SFK argumentat li l-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni kienu bbażati fuq żball manifest ta' valutazzjoni u li dawn kienu totalment żbaljati. Hija argumentat li l-Kummissjoni rrevediet sitt fatturi, u mhux biss tlieta, u li mis-sitt fatturi, ħamsa kienu korretti. It-tieni, il-volum taz-zkuk meta l-oriġini ma ġietx irrappurtata b'mod korrett kien żgħir ħafna (ta' [50–100] $m^3$), u dan ma setax jaffettwa l-korrettezza tad-99,9 % tax-xiri rimanenti. SFK argumentat ukoll li kienet spjegat li biex tipprovdi l-informazzjoni fil-kwestjonarju, hija bbażat ruħha primarjament fuq il-pajjiż ta' reġistrazzjoni tal-fornitur, għalhekk jekk il-fornitur kien irreġistrat fil-Każakistan, SFK assumiet li z-zkuk kienu joriġinaw mill-Każakistan li fil-fehma tagħha kien metodu raġonevolment preċiż. Għalhekk, SFK ma żgwidatx lill-Kummissjoni u lanqas ma pprovdiet xi informazzjoni falza. L-istabbiliment tal-oriġini fuq il-bażi ta' tranżazzjoni għal tranżazzjoni ma jkunx possibbli minħabba volum sinifikanti ta' xiri. SFK irrepetiet l-istess argumenti wara d-divulgazzjoni.

(165) Il-Kummissjoni ma qablitx. Matul il-verifika fuq il-post, hija tabilħaqq ġabret b'kollox sitt fatturi b'evidenza dwar l-oriġini taz-zkuk. Kien hemm żewġ tranżazzjonijiet addizzjonali (fatturi) mill-istess fornitur li ġew irrappurtati ħażin. Għalhekk, mit-tmien fatturi, ħamsa biss kienu korretti. Il-Kummissjoni ma qablitx ukoll li l-valur tal-fatturi rrappurtati ħażin kien minuri. Il-korrettezza tad-*data* ma setgħetx tiġi espressa fuq il-valur totali tat-tranżazzjonijiet (li jistgħu jkunu eluf f'xi każijiet) iżda fuq il-valur tal-kampjun. F'dan il-każ, it-tranżazzjonijiet skorretti kienu jirrappreżentaw aktar minn 18 % taz-zkuk inklużi fil-kampjun. Il-Kummissjoni qieset ukoll li l-fatt li l-bqija tal-kampjun ma ġiex irrappurtat abbażi tal-verifika taċ-ċertifikat taz-zkuk iżda fuq il-post fejn il-fornitur kien irreġistrat iqajjem saħansitra aktar dubji dwar l-affidabbiltà tad-*data*.

(166) Wara d-divulgazzjoni, SFK argumentat ukoll li l-Kummissjoni esaġerat l-importanza tal-logs irrapportati ħażin, u li 93 % tal-kampjun magħżul, skont il-volum, ikkonferma l-oriġini korretta. SFK indikat ukoll il-fatt li l-ittra tal-Artikolu 18 semmiet li t-tranżazzjonijiet irrapportati ħażin kienu jikkonċernaw waħda mit-tliet fatturi, filwaqt li fis-sejbiet tagħha fid-Dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali, il-Kummissjoni semmiet tmien fatturi. Għalhekk, fil-fehma tagħha, il-Kummissjoni ġabet magħha fatti ġodda u kien imissha pprovdiet lil SFK bi dritt li tikkummenta. Hija tenniet ukoll li l-Kummissjoni ħadet kampjun ta' sitt fatturi, u mhux tmienja.

(167) Il-Kummissjoni fil-fatt irrevediet in-numru ta' fatturi magħżula, wara kummenti sottomessi minn SFK dwar l-ittra tal-Artikolu 18. Il-Kummissjoni kkonfermat it-tmien fatturi, kif imsemmi fid-Dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali, minħabba li kien hemm żewġ fatturi addizzjonali mill-istess fornitur taz-zkuk ta' oriġini Russa. Din il-korrezzjoni bl-ebda mod ma affettwat il-konklużjonijiet milħuqa fl-ittra tal-Artikolu 18. Barra minn hekk, in-numru ta' tmien fatturi ssemma fid-Dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali, li ntbagħat lill-partijiet kollha għall-kummenti. Il-Kummissjoni għalhekk ma qablitx li SFK ma ngħatatx id-dritt li tikkummenta.

(168) B'mod simili għall-argumenti ta' Favorit (ara l-premessa (121)), SFK sostniet li abbażi tal-prattika konsistenti tal-Kummissjoni, in-nuqqas ta' kooperazzjoni mal-antiċirkomvenzjoni ma wassalx awtomatikament għas-sejba ta' ċirkomvenzjoni b'mod awtomatiku jew għan-nuqqas ta' kunsiderazzjoni totali tad-data sottomessa u rreferiet għal investigazzjonijiet dwar Glass Fiber Fabric mill-Marokk, u dwar Coumarin mill-Indja. Għalhekk, hija qieset li l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tapplika l-fatti disponibbli u l-intenzjoni tagħha li tiċħad id-*data* tagħha kienet ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni li jobbliga li sitwazzjonijiet simili jiġu ttrattati bl-istess mod. SFK argumentat ukoll li fi kwalunkwe każ il-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-fornitur Russu relatat ma kienx involut fil-produzzjoni jew fil-bejgħ tal-prodott ikkonċernat u l-affiljazzjoni tiegħu ma kellha l-ebda impatt fuq l-eżitu tal-investigazzjoni.

(169) Il-Kummissjoni tenniet li s-sejbiet saru fuq bażi ta' każ b'każ, u saret kunsiderazzjoni xierqa dwar jekk is-sett kollu tad-*data* setax jintuża jew jekk setgħetx tintuża biss informazzjoni speċifika, dwar jekk l-informazzjoni nieqsa kellhiex impatt sostanzjali fuq l-eżitu tal-investigazzjoni, u dwar jekk mingħajr l-informazzjoni l-Kummissjoni setgħetx tasal għal sejba raġonevoli. Barra minn hekk, il-fatti u ċ-ċifri tal-kawżi msemmija minn SFK kienu kompletament differenti f'diversi aspetti. B'mod partikolari, fil-każijiet l-oħra l-mudell kummerċjali tal-kumpaniji kkonċernati kien differenti u ma kien hemm l-ebda kwistjoni ta' rappurtar ħażin tal-oriġini tal-materjal tal-input. Għalhekk, il-Kummissjoni ma qablitx li minħabba li d-*data* ma ġietx miċħuda kompletament fil-każijiet ta' hawn fuq, kellu jittieħed l-istess approċċ f'dan il-każ. Għalhekk, hija sabet li l-affermazzjoni ma kinitx sostanzjata. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma qablitx li kien hemm evidenza vverifikata li SFK ma wettqet l-ebda ċirkomvenzjoni – in-nuqqas ta' *data* affidabbli u verifikabbli ma ppermettiex lill-kumpanija turi n-nuqqas ta' prattiki ta' ċirkomvenzjoni.

(170) SFK argumentat ukoll li irrispettivament minn kwalunkwe allegat nuqqas ta' kooperazzjoni minn SFK, fid-dawl tas-sejbiet tal-Qorti tal-Ġustizzja f'M*axcom* u konsistenti mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/28 ([33]), ma tista' tinstab l-ebda sejba ta' ċirkomvenzjoni minn SFK b'referenza għaċ-ċirkomvenzjoni fil-pajjiż kollu, u li d-data tal-kumpanija ta' SFK tipprekludi s-sejba ta' prattiki ta' ċirkomvenzjoni speċifiċi għall-kumpaniji. F'dak il-kuntest, l-eżistenza ta' ċirkomvenzjoni fil-pajjiż kollu permezz ta' importazzjonijiet mill-Każakistan kienet irrilevanti peress li tali evidenza ma kinitx kapaċi teħleb evidenza speċifika u vverifikata pprovduta minn SFK li ma kienet involuta fl-ebda prattika ta' ċirkomvenzjoni.

(171) Il-Kummissjoni qieset li l-fatti ta' dan il-każ huma differenti. Fil-każ imsemmi fil-premessa preċedenti ma kien hemm l-ebda kwistjoni dwar il-ħabi ta' rabtiet jew rappurtar ħażin ta' informazzjoni fir-rigward tal-pajjiż soġġett għall-miżuri. Il-Kummissjoni ma setgħetx tasal għall-konklużjoni li kien hemm evidenza vverifikata li SFK ma kinitx qed twettaq ċirkomvenzjoni. Għalhekk, hija sabet li l-affermazzjoni ma kinitx sostanzjata.

(172) B'mod simili għal Favorit, SFK qieset ukoll li kull tentattiv li jinsiltu konklużjonijiet negattivi mill-allegat nuqqas ta' kooperazzjoni kien illegali skont l-Artikolu 6.8 tal-Ftehim Antidumping. Hija argumentat li f'konformità mas-sentenza fil-Messiku-Miżuri Anti-Dumping fuq ir-Ross, u r-Rapport tal-Bord, China-GOES, il-Kummissjoni trid issib "l-aħjar informazzjoni disponibbli" li ma għandhiex tkun sempliċiment korretta jew utli per se iżda "l-aktar li tixraq jew "l-aktar f'lokha", u li n-nuqqas ta' kooperazzjoni ma jiġġustifikax it-teħid ta' konsegwenzi negattivi.

(173) Il-Kummissjoni tenniet il-konklużjoni tagħha li d-*data* ta' SFK ma setgħetx tintuża bħala bażi għas-sejbiet tagħha. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li SFK ma wrietx li hija kienet produttriċi li ma kinitx involuta f'attivitajiet ta' ċirkomvenzjoni. F'dawk iċ-ċirkostanzi, f'konformità mal-prattika preċedenti tagħha, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda għażla ħlief li tibbaża ruħha fuq sejbiet ta' ċirkomvenzjoni fil-pajjiż kollu. Barra minn hekk, l-Artikolu 18(6) tar-Regolament bażiku jipprevedi li meta parti tkun naqset milli tikkoopera parzjalment jew kompletament, ir-riżultat "jista' jkun inqas favorevoli ... milli kieku tkun ikkooperat". Għaldaqstant, il-fatt li l-applikazzjoni fuq SFK tas-sejbiet tal-pajjiż kollu kellhom ikunu inqas favorevoli għal SFK kienet l-unika għażla u l-konsegwenza tal-fatt li d-*data* tagħha ma setgħetx tintuża.

(174) SFK argumentat ukoll li l-Kummissjoni fil-kuntest tal-investigazzjoni anti-ċirkomvenzjoni li għaddejja (jew mod ieħor) ma għandha l-ebda ġuriżdizzjoni biex tinforza sanzjonijiet u biex tistabbilixxi li SFK jew għal dak l-għan kwalunkwe parti oħra evitat is-sanzjonijiet. L-investigazzjoni kienet biss possibbiltà biex jiġi estiż dazju ta' 15,8 % fuq l-importazzjonijiet mill-Każakistan u mhux kwalunkwe ksur ta' sanzjonijiet.

(175) Għalhekk SFK issuġġeriet li l-Kummissjoni għandha taċċetta l-offerta ta' impenn fuq il-prezz ta' SFK, u ttemm l-investigazzjoni anti-ċirkomvenzjoni fir-rigward ta' SFK, f'konformità mal-Artikolu 8.5 tar-Regolament bażiku u, barra minn hekk, kwalunkwe deċiżjoni tal-Kummissjoni li taċċetta l-impenn fuq il-prezz ta' SFK għandha tispeċifika li l-aċċettazzjoni tal-impenn fuq il-prezz ma għandhiex titqies li tfisser li SFK qed tiffaċilita ksur tal-projbizzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jew tar-Regolamenti tal-Kunsill relatati mas-sanzjonijiet fuq il-Federazzjoni Russa.

(176) Il-Kummissjoni qieset li b'mod ġenerali, l-impenji f'investigazzjonijiet ta' ċirkomvenzjoni ma jistgħux jiġu kkunsidrati. Il-Kummissjoni għandha diskrezzjoni fl-aċċettazzjoni ta' impenji; f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma setgħetx taċċetta offerta ta' impenn minn kumpanija li ma setgħetx turi li ma kinitx involuta fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni u li għaliha s-sejbiet kellhom ikunu bbażati fuq fatti disponibbli. Fi kwalunkwe każ, fl-investigazzjoni oriġinali ġew irrifjutati wkoll l-impenji għan-nuqqas ta' konformità mal-kriterji speċifikati fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament bażiku ([34]).

(177) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li SFK ma wrietx li kienet produttriċi li ma kinitx involuta f'attivitajiet ta' ċirkomvenzjoni fis-sens tal-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, u li għalhekk, is-sejbiet fir-rigward ta' SFK kellhom ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku li fisser l-applikazzjoni tas-sejbiet ta' ċirkomvenzjoni fil-pajjiż kollu. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet it-talba tagħha għal eżenzjoni.

([33]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/28 tad-9 ta' Jannar 2018 li jimponi mill-ġdid dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' roti kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mis-Sri Lanka kif ukoll jekk le minn City Cycle Industries (ĠU L 5, 10.1.2018, p. 27), il-premessi 20 u 21.

([34]) Ara l-premessi minn (247) sa (254) tar-Regolament oriġinali.

(178) Wara d-divulgazzjoni, SFK sostniet li ma qablitx mas-sejbiet divulgati lil SFK fid-Dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali. Hija tenniet li s-sejbiet tal-Kummissjoni kienu qed jiksru l-Ftehim AD u li l-Kummissjoni applikat b'mod illegali l-fatti disponibbli. SFK tenniet li ma rrifjutatx l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa u ma naqsitx mod ieħor milli tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa fi żmien raġonevoli, u lanqas ma impedixxiet l-investigazzjoni b'mod sinifikanti. Skont SFK, kuntrarjament għall-punt 3 tal-Anness II tal-Ftehim AD, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-konstatazzjonijiet tagħha l-informazzjoni kollha verifikabbli u ppreżentata b'mod xieraq, b'tali mod li setgħet tintuża fl-investigazzjoni mingħajr diffikultajiet eċċessivi, u li ġiet ipprovduta fil-ħin.

(179) Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-argumenti kollha imqajma mill-SFK kienu diġà indirizzati fid-dettall fil-premessi (146) sa (176) hawn fuq. Peress li ma tressaq l-ebda kumment ġdid dwar is-sustanza, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjoni stabbilita fil-premessa (177) hawn fuq.

4.1.4. *Pretensjonijiet addizzjonali minn Favorit u SFK wara d-divulgazzjoni*

(180) Wara d-divulgazzjoni, Favorit u SFK argumentaw ukoll li l-Kummissjoni naqset milli tiddetermina l-marġnijiet ta' dumping individwali tagħhom, għall-kuntrarju tal-Artikolu 6.9 tal-Ftehim AD.

(181) Il-Kummissjoni qieset li l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku ma għandu l-ebda dispożizzjoni korrispondenti fil-Ftehim AD u jirrikjedi li l-Kummissjoni ssib evidenza ta' dumping fir-rigward tal-valuri normali stabbiliti qabel għall-prodott simili. Il-Kummissjoni kkonformat ma' dan l-obbligu. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni nnotat li, fid-dawl tan-natura mhux affidabbli u mhux verifikabbli tad-data pprovduta minn SFK u Favorit, is-sejbiet fir-rigward ta' dawn iż-żewġ kumpaniji kellhom ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli fis-sens tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, li kellu japplika s-sejbiet ta' ċirkomvenzjoni fil-pajjiż kollu. Għalhekk SFK u Favorit fallew fl-applikazzjonijiet tagħhom skont l-Artikolu 13(4) u ma jistgħux jiġu eżentati mid-dazji.

(182) Wara d-divulgazzjoni, Favorit tenniet li l-Każakistan kien pajjiż li qed jiżviluppa u li l-Kummissjoni kellha tapplika l-Artikolu 15 tal-Ftehim AD u taċċetta rimedji kostruttivi bħal impenji fuq il-prezzijiet, li hija ssottomettiet.

(183) Il-Kummissjoni qieset l-Artikolu 15 tal-Ftehim AD bħala mhux rilevanti fil-każ inkwistjoni peress li japplika "meta tiġi kkunsidrata l-applikazzjoni tal-miżuri anti-dumping skont [dak] il-Ftehim". Peress li, kif spjegat hawn fuq fil-premessa (13), il-Ftehim AD ma jipprevedix dispożizzjoni speċifika kontra ċ-ċirkomvenzjoni, l-Artikolu 15 tal-Ftehim AD mhuwiex pertinenti. Barra minn hekk, kif imsemmi fit-Taqsima 4.1.2 hawn fuq, l-impriżi f'investigazzjonijiet ta' ċirkomvenzjoni ma setgħux jiġu kkunsidrati, u l-Kummissjoni ma setgħetx taċċetta offerta ta' impenn minn kumpaniji li naqsu milli juru li ma kinux involuti fil-prattiki ta' ċirkomvenzjoni li nstabu għall-pajjiż kollu kemm hu u li għalihom is-sejbiet kellhom ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli.

(184) Favorit u SFK sostnew ukoll li l-Kummissjoni naqset milli tinformahom bir-raġunijiet għalfejn ma aċċettatx il-provi jew l-informazzjoni li huma pprovdew. Huma sostnew ukoll li kienu mċaħħda mill-opportunità li jipprovdu aktar spjegazzjonijiet fi żmien raġonevoli. Fil-fehma tagħhom, l-allegazzjonijiet li kienu involuti f'attivitajiet ta' ċirkomvenzjoni kienu bbażati fuq spekulazzjoni pura, u l-Kummissjoni ma kellha l-ebda fatt, la abbażi ta' "fatti disponibbli" u lanqas b'xi mod ieħor, li jallega li kienu involuti f'attivitajiet bħal dawn.

(185) Il-Kummissjoni ma qablitx li ma infurmatx lil Favorit u lil SFK bir-raġunijiet biex ma taċċettax evidenza jew informazzjoni u li ż-żewġ kumpaniji ma kellhomx l-opportunità li jipprovdu spjegazzjonijiet ulterjuri fil-perjodu raġonevoli. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni infurmat liż-żewġ kumpaniji bir-raġunijiet għaċ-ċaħda tat-talbiet tagħhom għal eżenzjoni fl-ittri tal-Artikolu 18. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pprovdiet spjegazzjonijiet dettaljati ħafna fid-Dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali u l-iżvelar individwali lil Favorit, li kemm Favorit kif ukoll SFK kellhom l-opportunità li jipprovdu kummenti. Il-Kummissjoni ma qablitx ukoll li d-deċiżjoni tagħha li ma teżentax lil Favorit u SFK mid-dazji estiżi kienet ibbażata fuq spekulazzjoni. Tabilħaqq, kif spjegat fil-premessa (118), huwa f'idejn kull produttur-esportatur individwali li juri li s-sitwazzjoni partikolari tiegħu tiġġustifika eżenzjoni skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, u l-Kummissjoni kkonkludiet li la Favorit u lanqas SFK ma kienu wrew li kienu produtturi ġenwini li ma kinux involuti f'attivitajiet ta' ċirkomvenzjoni.

(186) Kemm Favorit kif ukoll SFK indikaw l-ittra ta' akkumpanjament li takkumpanja d-Dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali li semmiet li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li "timponi" dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ikkonsenjati mill-Każakistan, u fuq din il-bażi, it-tnejn li huma qiesu li d-Dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali kien illegali u kuntrarju għall-obbligi tad-WTO tal-UE.

(187) Il-Kummissjoni qieset li l-fatt li l-ittra ta' akkumpanjament kien fiha żball klerikali u semmiet "impożizzjoni" minflok "estensjoni" ma poġġiex f'dubju l-legalità tad-dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali u tal-investigazzjoni. Il-bażi ġuridika u l-konklużjonijiet proposti ġew spjegati f'livell kbir ta' dettall, u ma setgħux jiġu interpretati lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, li kien definit fir-Regolament tal-bidu. Ma seta' jkun hemm l-ebda dubju jew interpretazzjoni żbaljata dwar il-fatt li s-sejbiet kienu jikkonċernaw estensjoni tad-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1930 fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula li joriġinaw mir-Russja għall-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula kkonsenjati mit-Turkija u mill-Każakistan, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Turkija u mill-Każakistan kif ukoll jekk le, u li kienet ibbażata fuq l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-asserzjoni.

4.1.5. *Kummenti mill-awtoritajiet Każakistani wara d-divulgazzjoni*

(188) Il-Ministeru tal-Kummerċ u l-Integrazzjoni tar-Repubblika tal-Każakistan ("il-Ministeru") sostna li l-Kummissjoni injorat il-prezzijiet tal-bejgħ domestiku u l-kost tal-produzzjoni fil-Każakistan, li jmur kontra l-Artikoli 2 (1), 2 (2), 2 (3) u 2 (4) tal-Ftehim AD. Skont il-Ministeru, id-Dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali ma kienx fih determinazzjoni tax-xebh bejn il-plywood tal-betula esportat mill-Każakistan lejn l-UE u dak mibjugħ fis-suq domestiku, li jmur kontra l-Artikoli 2 (1), 2 (2) u 2 (6) tal-Ftehim AD.

(189) Dawn il-Kummissjoni kkonfutaw dawn l-affermazzjonijiet fil-premessa (82) hawn fuq.

(190) Wara d-divulgazzjoni, il-Ministeru sostna li l-bidu tal-investigazzjoni kien kuntrarju għall-Artikolu 5.2 tal-Ftehim AD minħabba li ma kien hemm l-ebda lment mill-industrija domestika li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 5(2) tal-Ftehim AD. Barra minn hekk, kuntrarjament għall-Artikolu 5.3 tal-Ftehim AD, il-Kummissjoni naqset mill-obbligu tagħha li teżamina l-eżattezza u l-adegwatezza tal-evidenza pprovduta fl-applikazzjoni biex tiddetermina jekk hemmx biżżejjed evidenza li tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni.

(191) Il-Kummissjoni kkonfutat din l-affermazzjoni fil-premessa (13) hawn fuq.

(192) Skont il-Ministeru, id-Dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali ma kien fih l-ebda determinazzjoni ta' dannu materjali jew theddida tiegħu li jmur kontra l-Artikoli 3(1), 3(2), 3(4) u 3(5) tal-Ftehim AD.

(193) Kif spjegat fil-premessa (13), l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku ma jirrikjedix strettament analiżi tad-dannu jew tar-rabta kawżali. Għalhekk, il-Kummissjoni rrifjutat din l-affermazzjoni.

(194) Skont il-Ministeru, diversi produtturi Kazakhstani ma rrifjutawx l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa, u ma naqsux mod ieħor milli jipprovdu, l-informazzjoni meħtieġa fi żmien raġonevoli. Lanqas ma impedixxew b'mod sinifikanti l-investigazzjoni b'tali mod li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapplika l-fatti disponibbli minflok id-data attwali tagħhom dwar il-kost tal-produzzjoni u l-prezzijiet tal-bejgħ tmur kontra l-Artikolu 6(8) tal-Ftehim AD.

(195) Il-Kummissjoni indirizzat dan il-kumment fid-dettall fit-taqsima 2.1. u fit-taqsima 4.1.2 hawn fuq.

(196) Il-Ministeru sostna li, għall-kuntrarju tal-paragrafu 1 tal-Anness II tal-Ftehim AD, fil-każ ta' produttur esportatur Kazakhstani wieħed, il-Kummissjoni naqset wara l-bidu milli tispeċifika fid-dettall l-informazzjoni meħtieġa u l-mod li bih dik l-informazzjoni għandha tiġi strutturata fit-tweġiba tagħha.

(197) Il-Kummissjoni indirizzat dan il-kumment fit-taqsima 2.1. Il-produtturi esportaturi kollha ġew infurmati bl-informazzjoni li kellha tiġi pprovduta, f'liema format u l-iskadenzi applikabbli. L-iskadenzi ġew estiżi fejn kien meħtieġ, u t-tweġibiet għal kwalunkwe mistoqsija proċedurali u prattika li tqajmet, ġew ipprovduti mis-servizzi tal-Kummissjoni.

(198) Il-Ministeru sostna li kuntrarju għall-paragrafu 3 tal-Anness II tal-Ftehim AD, il-Kummissjoni naqset milli tqis l-informazzjoni kollha li kienet verifikabbli u sottomessa b'mod xieraq sabiex setgħet tintuża fl-investigazzjoni mingħajr diffikultajiet żejda u li ġiet ipprovduta fil-ħin. Barra minn hekk, skont il-Ministeru, il-Kummissjoni naqset milli tosserva l-punt 5 tal-Anness II tal-Ftehim AD peress li injorat b'mod żbaljat id-data tal-esportaturi Kazakhstani li kkooperaw, filwaqt li huwa paċifiku li huma aġixxew bl-aħjar mod possibbli. Il-Ministeru sostna wkoll li l-Kummissjoni naqset milli tinforma lill-esportaturi Kazakhstani bir-raġunijiet biex ma taċċettax evidenza jew informazzjoni pprovduta minnhom, u b'hekk iċċaħħadhom mill-opportunità li jipprovdu aktar spjegazzjonijiet fi żmien raġonevoli, li mhuwiex konformi mal-Paragrafu 6 tal-Anness II tal-Ftehim AD. Fl-aħħar nett, il-Ministeru ddikjara li l-Kummissjoni naqset milli tqis id-diffikultajiet esperjenzati mill-esportaturi Kazakhstani bħala kumpaniji żgħar biex jipprovdu l-informazzjoni mitluba u milli jipprovdu assistenza prattikabbli li mhijiex konformi mal-Artikolu 6(13) tal-Ftehim AD.

(199) Il-Kummissjoni indirizzat dawn il-kummenti f'livell kbir ta' dettall fit-taqsima 2.1. u fit-taqsima 4.1.2 hawn fuq.

(200) Skont il-Ministeru, il-Kummissjoni ġibdet inferenzi negattivi u sostniet li l-produtturi ta' Kazakhstani huma involuti fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni filwaqt li l-Kummissjoni hija obbligata tibbaża s-sejbiet tagħha fuq informazzjoni minn sors sekondarju b'ċirkomvenzjoni speċjali. Il-Ministeru sostna li l-allegazzjonijiet tal-Kummissjoni kienu bbażati fuq spekulazzjoni pura u bi ksur tal-paragrafu 7 tal-Anness II u l-Artikolu 6(8) tal-Ftehim AD.

(201) Il-Kummissjoni qieset li, filwaqt li huwa minnu li l-oneru tal-prova tal-prattiki ta' ċirkomvenzjoni tal-miżuri anti-dumping fil-livell tal-pajjiż kollu jaqa' fuq il-Kummissjoni, huwa f'idejn kull produttur esportatur individwali li juri li s-sitwazzjoni partikolari tiegħu tiġġustifika eżenzjoni skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku. Kif stabbilit fit-Taqsima 2.1 u 4.1.2 hawn fuq, il-produtturi esportaturi naqsu milli jagħmlu dan peress li ma wrewx li kienu produtturi ġenwini li ma kinux involuti fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni. Il-Kummissjoni indirizzat f'livell kbir ta' dettall il-konklużjoni li l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku tqiesu li ġew issodisfati. Għaldaqstant, tali konklużjoni bl-ebda mod ma kienet ibbażata fuq l-ispekulazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rribattiet kummenti simili fil-premessa (118) hawn fuq. Għalhekk, ġiet miċħuda din l-affermazzjoni.

(202) Il-Ministeru ddikjara li l-Kummissjoni naqset milli tipprovdi informazzjoni dwar il-marġni ta' dumping individwali għall-esportaturi ta' Kazakhstani li kkooperaw, li jmur kontra l-Artikolu 6.9. tal-Ftehim AD.

(203) Il-Kummissjoni kkonfutat din l-affermazzjoni fil-premessa (181) hawn fuq.

(204) Il-Ministeru ddikjara li l-Kummissjoni naqset milli tesplora l-possibbiltajiet ta' rimedji kostruttivi qabel ma tapplika dazji anti-dumping fejn dawn jaffettwaw l-interessi tal-Każakistan bħala pajjiż li qed jiżviluppa, li mhuwiex konformi mal-Artikolu 15 tal-Ftehim AD. F'dak il-kuntest, il-Ministeru esprima r-rieda li jiddiskuti mal-Kummissjoni sistema ta' monitoraġġ xierqa għall-impenji li teskludi l-possibbiltà għall-produtturi esportaturi Kazakhstani li jittrażbordaw plywood tal-betula li joriġina mir-Russja. Sabiex din l-iskema tkun possibbli u f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament bażiku, ir-Regolament definittiv tal-Kummissjoni għandu jipprevedi l-possibbiltà li jiġu offruti (u aċċettati) impenji fuq il-prezzijiet wara l-iskadenza għall-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping definittivi.

(205) Dan il-kumment ġie indirizzat fil-premessa (176) u fil-premessa (183). Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet, wara kunsiderazzjoni bir-reqqa, li l-kummenti mressqa mill-awtoritajiet tal-Kazakistan ma wasslux għal bidla fil-konklużjonijiet kif stabbiliti fid-Dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali.

4.2. **It-Turkija**

4.2.1. *Sejbiet dwar Intur Construction Tourism and Forest ("Intur")*

(206) Intur sostniet li kien hemm raġuni valida u ġustifikazzjoni ekonomika għall-istabbiliment tagħha f'Marzu 2020. Wara diversi deċennji fl-industrija tal-injam b'enfasi fuq l-injam Afrikan, u wara li ġew identifikati ineffiċjenzi ta' negozju mmexxi mill-familja, ġiet stabbilita l-kumpanija għall-produzzjoni tal-plywood. L-objettiv primarju tagħha kien l-akkwist ta' materjali tal-input għall-produzzjoni tal-plywood, kemm domestikament kif ukoll internazzjonalment, segwit mill-ipproċessar u t-trasformazzjoni ta' dawn il-materjali fi prodotti tal-plywood lesti għad-distribuzzjoni kemm fis-swieq domestiċi kif ukoll f'dawk internazzjonali. L-investigazzjoni żvelat li Intur bdiet il-produzzjoni fi tmiem l-2019, li kien qabel il-bidu tal-investigazzjoni anti-dumping oriġinali fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula mir-Russja.

(207) L-investigazzjoni żvelat li Intur żiedet b'mod sostanzjali l-bejgħ tal-esportazzjoni tagħha lejn l-Unjoni u x-xiri ta' materjali tal-input mir-Russja fl-2021, wara li nbdiet l-investigazzjoni anti-dumping. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-operazzjoni żdiedet sostanzjalment minn, jew eżatt qabel, il-bidu tal-investigazzjoni anti-dumping u l-partijiet ikkonċernati huma mill-pajjiż soġġett għall-miżuri, kif meħtieġ mill-Artikolu 13(2)(a) tar-Regolament bażiku.

(208) Il-materjal tal-input prinċipali għall-produzzjoni tal-plywood tal-betula għal Intur huma fuljetti tal-betula, li kollha nxtraw mir-Russja. Skont l-informazzjoni sottomessa u vverifikata minn Intur, aktar minn 75 % tal-valur totali tax-xiri tal-materjali tal-input kienu mir-Russja. Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li ġie ssodisfat il-kriterju tas-60 % stabbilit fl-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament bażiku.

(209) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-valur miżjud mal-partijiet miġjuba, tul l-operazzjoni ta' assemblaġġ jew ta' kompletazzjoni, kien inqas minn 25 % tal-kost tal-manifattura, kif meħtieġ mill-Artikolu 13(2)(b) tar-Regolament bażiku biex dawn l-operazzjonijiet jikkostitwixxu ċirkomvenzjoni.

(210) B'komunikazzjoni fit-30 ta' Jannar 2024, Intur talbet lill-Kummissjoni tqis żewġ reviżjonijiet oħra, li jikkonċernaw ir-rati tal-kambju li għandhom impatt fuq id-deprezzament tal-makkinarju kif ukoll l-allokazzjoni ta' ċerti kostijiet lavorattivi.

(211) Il-Kummissjoni infurmat lill-kumpanija, li ma kienx possibbli li jiġu riveduti l-elementi tal-kostijiet wara ż-żjara ta' verifika peress li ma kienx għadu possibbli li tali affermazzjonijiet jiġu vverifikati.

(212) Abbażi tat-tabelli sottomessi u vverifikati minn Intur, ma kien hemm l-ebda esportazzjoni fl-2019 filwaqt li fil-PR hija esportat [2 000–3 000] $m^3$. Fir-rigward tal-prezzijiet, il-Kummissjoni qabblet il-prezz medju mhux dannuż kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, aġġustat biex jirrifletti ż-żieda fil-kost, mal-prezzijiet CIF medji ponderati tal-esportazzjoni ddeterminati abbażi tal-informazzjoni pprovduta minn Intur, aġġustati kif xieraq biex jinkludu l-kostijiet ta' wara l-approvazzjoni. Dan it-tqabbil tal-prezzijiet wera li l-importazzjonijiet minn INTUR biegħu l-prezzijiet tal-Unjoni b'aktar minn 37 %.

(213) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk kienx hemm evidenza ta' dumping fir-rigward tal-valuri normali stabbiliti qabel għall-prodott simili. Għal dan l-għan, il-prezzijiet tal-esportazzjoni ta' Intur fuq bażi mill-fabbrika tqabblu mal-valuri normali stabbiliti matul l-investigazzjoni oriġinali, aġġustati kif xieraq għall-inflazzjoni. It-tqabbil tal-valuri normali u l-prezzijiet tal-esportazzjoni wera evidenza ta' dumping matul il-perjodu ta' rappurtar.

(214) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li Intur instabet li kienet involuta fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet it-talba tagħha għal eżenzjoni.

4.3. **Konklużjoni**

(215) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ebda waħda mit-talbiet għal eżenzjoni ma setgħet tiġi aċċettata.

## 5. **DIVULGAZZJONI**

(216) Fl-1 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni żvelat lill-partijiet interessati kollha l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li wasslu għall-konklużjonijiet ta' hawn fuq u stednithom jikkummentaw. Il-kummenti li waslu mingħand il-partijiet interessati ġew indirizzati hawn fuq. Aktar kummenti li waslu mill-Konsorzju Woodstock, il-Federazzjoni Ewropea tal-Panel u Orlimex CZ ġew indirizzati fit-taqsima 6 hawn taħt.

## 6. **KUMMENTI ADDIZZJONALI WARA D-DIVULGAZZJONI**

(217) Il-konsorzju Woodstock ipprovda kummenti addizzjonali dwar diversi punti li jikkonfermaw prattiki ta' ċirkomvenzjoni fil-livell tal-pajjiż kollu. Huwa enfasizza wkoll l-importanza ta' monitoraġġ strett u miżuri ta' segwitu fuq l-importazzjonijiet fil-futur.

(218) Il-Federazzjoni Ewropea tal-Panel approvat is-sejbiet tal-Kummissjoni u talbet lill-Kummissjoni biex tipproċedi minnufih biex tagħmlu Regolament vinkolanti u biex tkompli tissorvelja mill-qrib biex twaqqaf kwalunkwe tentattiv ta' ċirkomvenzjoni.

(219) Wara d-divulgazzjoni, Orlimex CZ, importatur mhux relatat, sostniet li l-ispejjeż loġistiċi u amministrattivi assoċjati mat-tranżitu mir-Russja għall-Każakistan u mbagħad lejn l-UE jaqbżu bil-kbir l-iffrankar billi jevitaw id-dazju ta' 16 %. Għalhekk, din tqieset li kienet ekonomikament irrazzjonali.

(220) Il-Kummissjoni qieset li l-miżuri anti-dumping jistgħu jiġu estiżi għal pajjiżi terzi meta tkun qed isseħħ ċirkomvenzjoni tal-miżuri fis-seħħ. Kif spjegat f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni stabbiliet li seħħew prattiki ta' ċirkomvenzjoni. Il-kwistjoni sa liema punt prattiki bħal dawn huma ta' benefiċċju ma kinitx rilevanti u marret lil hinn mill-ambitu ta' din l-investigazzjoni.

(221) Skont Orlimex CZ id-determinazzjoni tal-Kummissjoni naqset milli tqis l-impatt sinifikanti tas-sanzjonijiet imposti fuq ir-Russja, li Orlimex CZ temmen li hija l-kawża attwali tal-importazzjonijiet imnaqqsa mir-Russja lejn l-Unjoni, u mhux l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping. Il-projbizzjonijiet legali implimentati minn April 2022 diġà biddlu b'mod fundamentali x-xenarju kummerċjali, u dan għamilha impossibbli li jitkompla n-negozju mar-Russja, irrispettivament minn kwalunkwe dazju anti-dumping. Is-sanzjonijiet, mhux il-miżuri anti-dumping, ħolqu vojt fis-suq li l-produtturi mill-Każakistan, mit-Turkija, u minn reġjuni oħra fittxew li jimlew.

(222) Il-Kummissjoni kkonfutat din l-affermazzjoni fil-premessa (61). Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li l-ispjegazzjoni ta' Orlimex CZ li skontha l-produtturi mill-Każakistan u mit-Turkija fittxew li jimlew allegat vojt fis-suq li seħħ fl-Unjoni, kienet irrilevanti fid-dawl tal-fatt li l-ebda wieħed mill-produtturi ma seta' fil-fatt juri li kien intitolat li jibbenefika minn eżenzjoni skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku.

(223) Orlimex CZ argumentat ukoll li l-SFK kienet produttur li ilu stabbilit fis-suq Kazakhstani ferm qabel l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet jew dazji anti-dumping, li primarjament jaqdu d-domanda domestika. Wara l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet, il-produtturi Russi daħlu fis-suq Kazakhstani bi prodotti li ma setgħux jibqgħu jbigħu fl-Unjoni minħabba s-sanzjonijiet, li wasslu għal tnaqqis fil-prezzijiet lokalment. B'kuntrast ma' dan, il-prezzijiet għall-plywood tal-betula fl-Unjoni żdiedu. Għalhekk kien kompletament loġiku għal manifattur li jidderieġi mill-ġdid il-produzzjoni tiegħu biex jimla l-vojt fis-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, Orlimex CZ sostniet li l-ġeneralizzazzjoni tal-Kummissjoni ġabret flimkien b'mod inġust l-esportaturi kollha, filwaqt li injorat differenzi ċari bejn l-operazzjonijiet kummerċjali leġittimi u dawk li jiksru s-sanzjonijiet.

(224) Is-sejbiet dwar SFK ġew elaborati fit-taqsima 4.1.3 hawn fuq. Barra minn hekk, il-Kummissjoni vvalutat is-sitwazzjoni ta' kull produttur esportatur li ppreżenta ruħu individwalment u abbażi tal-merti tiegħu, u għalhekk ma seħħet l-ebda ġeneralizzazzjoni jew raggruppament, la matul l-investigazzjoni u lanqas fil-konklużjonijiet.

(225) Orlimex CZ ikkummentat ukoll li fil-każ ta' SFK il-Kummissjoni qalbet l-oneru tal-prova. Skont Orlimex CZ, dan it-treġġigħ lura tal-oneru tal-prova dgħajjef iċ-ċertezza legali u l-fiduċja fl-integrità tal-proċess investigattiv.

(226) Din l-affermazzjoni ġiet indirizzata fil-premessa (118). Huwa f'idejn kull produttur esportatur individwali li juri li s-sitwazzjoni partikolari tiegħu tiġġustifika eżenzjoni skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku. B'mod ġenerali, f'każ li produttur esportatur ikollu l-faċilità ta' produzzjoni tiegħu stess b'kapaċità li, tal-anqas, jipproduċi dak li fil-fatt jesporta, ma jkollux rabtiet multipli mal-pajjiż soġġett għal miżuri f'termini ta' kumpaniji relatati u/jew provvisti, u jista' jinżamm responsabbli, la huwa ta' piż bla bżonn u lanqas diffiċli li jintwera li tali produttur mhuwiex involut fil-prattika ta' ċirkomvenzjoni. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, it-talbiet imressqa minn Orlimex CZ ġew miċħuda.

## 7. **KONKLUŻJONI**

(227) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni sostniet li d-dazju anti-dumping definittiv kontra l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula mir-Russja, impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1930, irid jiġi estiż għall-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula kkonsenjati mill-Każakistan u mit-Turkija, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Każakistan u mit-Turkija kif ukoll jekk le. Il-Kummissjoni sostniet ukoll li t-talbiet għal eżenzjoni li saru, għandhom jiġu miċħuda.

(228) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Id-dazju anti-dumping definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1930 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-betula li joriġinaw mir-Russja, huwa b'dan estiż għall-importazzjonijiet tal-plajwud magħmul biss minn folji tal-injam, b'kull folja ma taqbiżx il-ħxuna ta' 6 mm, b'saffi ta' barra tal-injam speċifikati fis-subintestatura 4412 33, b'mill-inqas saff wieħed ta' barra tal-injam tal-betula, kemm jekk miksi kif ukoll jekk le, attwalment ikklassifikat taħt il-kodiċi NM ex 4412 33 10, u kkonsenjat mill-Każakistan u mit-Turkija, kemm jekk iddikjarat li joriġina mill-Każakistan u mit-Turkija kif ukoll jekk le (il-kodiċijiet TARIC 4412331010 u 4412331020).

2. Id-dazju estiż huwa d-dazju anti-dumping ta' 15,80 % applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha" fir-Russja.

3. Id-dazju estiż bil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandu jinġabar fuq l-importazzjonijiet irreġistrati f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1649.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

*Artikolu 2*

L-awtoritajiet doganali huma ordnati li ma jkomplux bir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet stabbilita f'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/1649.

*Artikolu 3*

It-talbiet ta' eżenzjoni sottomessi minn Favorit LLP, QazFanCom LLP, Semipalatinsk Wood Processing LLP, Severnyi Fanernyi Kombinat LLP, VFP LLP, Intur Construction Tourism and Forest, Murat Şahin Orman Ürünleri, Petek Kontrplak San ve Tic A.Ş and Saglamlar Orman Tarim Urunleri San. Ve. Tic. AS huma miċħuda.

*Artikolu 4*

1. It-talbiet għal eżenzjoni mid-dazju estiżi permezz tal-Artikolu 1 għandhom isiru bil-miktub f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jridu jiġu ffirmati minn persuna awtorizzata biex tirrappreżenta lill-entità li titlob l-eżenzjoni. It-talba trid tintbagħat fl-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate G Office:
CHAR 04/39
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

2. F'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036, il-Kummissjoni tista' tawtorizza, b'deċiżjoni, l-eżenzjoni tal-importazzjonijiet minn kumpaniji li ma jevadux il-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1930, mid-dazju estiż bl-Artikolu 1.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2024.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN